**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 05 ta' Dicembru , 2024**

**Kawża Numru: 1**

**Rikors Guramentat Numru:- 522/2023 JVC**

**Triton Capital Markets Limited gia FXDD Malta Limited (C-48817)**

**vs.**

1. **Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja**

2. **Avukat ta' l-Istat**

**IL-QORTI,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Triton Capital Markets Limited gia FXDD Malta Limited (C-48817) illi permezz tieghu talbet kif isegwi:

1. 'Illi permezz ta' ittra datata 7 ta' Diċembru 2022 ("Deċiżjoni"), kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok A,** l-Korp, fost l-oħrajn, ikkonkludiet li r-rikorrenti kisret diversi obligazzjonijiet u allura, minbarra varji direttivi, imponiet piena amministrattiva globali ta' mitejn tmienja u tletin elf u sitt mija tlieta u disgħin euro (€238,693) ridotta għall-piena ta' mitejn sitta u għoxrin elf u disa' mija u żewġ Euros (€226,902) u miżuri rimedjali kif jirriżultaw mill-istess Deċiżjoni mill-paġna 33 et seq tagħha, bil-piena amministrattiva tkun spjegata kif ġej:

   "***<u>Administrative Penalty:</u>***

   - *A penalty of sixty-one thousand and eight-eight euro (€61,088) for the serious and systemic failure to conduct a Business Risk Assessment in terms of Regulation 5 of the PMLFTR;*

   - *A penalty of forty-seven thousand, one hundred and seventy-one euro (€47,171) for the systemic failure to carry out adequate Customer Risk Assessments as required in terms of Regulation 5 of the PMLFT and Section 4.1 of the Implementing Procedures;*

   - *A penalty of two thousand two hundred and fifty euro (€2,250) for multiple failures to carry out the necessary*

*identification and verification on natural persons as required in terms of Regulations 7(1)(a) and 7(1)(b) of the PMLFT and Section 3.1 of the Implementing Procedures;*

- *A Reprimand for the failure to maintain on file adequate certification of documents as required in terms of Section 3.1.3.3 of the Implementing Procedures*

- *A Reprimand for the failure to apply adequate CDD measures prior to the commencement of the business relationship as required in terms of Regulation 7(5) of the PMLFT and Section 3.2.1 of the Implementing Procedures*

- *A penalty of thirty-nine thousand, seven hundred and three euro (€39,703) for the failure to apply EDD measures on a risk-sensitive basis in those situations that, by their nature, represent a higher risk of ML/FT in terms of Regulation 11(1)(b) of the PMLFTR;*

- *A penalty of eighty-six thousand, two hundred and thirty-one euro (€86,231) for the failure to establish the business and risk profile of the customers in terms of Regulation 7(1)(c) of the PMLFTR;*

- *A Reprimand for the failure to carry out the necessary PEP identification measures as required in terms of Sections 3.5.3.1 and 3.5.3.2 of the Implementing Procedures; and*

- *A penalty of two thousand, two hundred and fifty euro (€2,250) for failing to ensure that customer information and documentation held are up to date as required in terms of Regulation 7(2)(b) of the PMLFT; and*

*In determining the final administrative penalty to impose, the Committee also took into consideration that Triton Capital Markets Limited is a licensed Investment Services institution, it also considered the nature of the services and products offered by the Company and the size of its business operations. The Committee further considered that the obligations breached are important obligations and that such failures are serious in nature. Such failures do confirm the limited regard the Company has towards the AML/CFT obligations that apply to its operations, which could have an impact not only on the Company's own operations but also the repercussions towards the local jurisdiction. Yet, the Committee also noted that the Company has, subsequent to the compliance review, taken or planned to take action to remedy the situation. The Committee also considered that the Company was servicing customers without adequate AML/CFT safeguards in place, which could have led to the unintentional facilitation of money laundering. All the above considerations have led the Committee to determine that the final amount of the administrative penalty is to be adjusted from €238,693 to €226,902."*

2. Illi d-Deċiżjoni segwiet reviżjoni ta' konformita fuq is-soċjeta rikorrenti da parti tal-Korp bejn is-26 ta' Marzu 2019 u l-5 ta' April 2019, liema reviżjoni kienet tinkludi spezzjonijiet fil-bini tar-rikorrenti, immexxiha mill-istess Korp;

3. Illi matul ir-revizjoni ta' konformita` tagħha fuq il-post, l-Korp inter alia organizza laqgħat u intervisti ma' uffiċjali tar-rikorrenti u wettaq analiżi ta' diversi files ta' persuni reġistrati bħala klijenti tar-rikorrenti;

4. Illi l-Korp, u l-Awtorita għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA"), kkommunika is-sejbiet u l-osservazzjonijiet tiegħu lir-rikorrent, wara l-ispezzjoni tiegħu fuq il-post permezz ta'

ittra datata nhar 24 ta' Ottubru 2019 (hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. B, "Minded Letter"**) u r-rikorrent ndirizzat il-konklużjonijiet u r-riżultanzi magħmula mill-Korp fl-ittra tagħha mmarkata **DOK C**, billi għamlet ir-rappreżentazzjonijiet tagħha permezz ta' ittra datata s-27 ta' Novembru 2019 ("**Ittra ta' Rappreżentazzjonijiet**");

5. Illi wara aktar minn tlett snin l-Korp ħareġ bid-Deċiżjoni u s-soċjeta rikorrenti interponiet appell fl-ismijiet Triton Capital Markets Limited gia FXDD Malta Limited (C-48817) vs. Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (164/2022LM) permezz ta' liema appell, li kopja tiegħu qegħda tiġi hawn annessa bħala **Dok D** is-soċjeta rikorrenti, abbażi tal-aggravji relattivi, talbet is-segwenti:

*"Għaldaqstant, s-soċjeta appellanta, filwaqt li tagħmel referenza għall-atti kollha proċesswali u l-provi kollha prodotti, u prevja l-produzzjoni tal-inkartament u d-dokumentazzjoni kollha relattiva għad-deċiżjoni appellata bil-għan li dina l-Onorabbli Qorti jkollha stampa integra tal-vertenza li dwarha qed isir dan l-appell, u filwaqt li tirriserva d-dritt li tipproduċi provi ulterjuri, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' dan l-Appell u tvarja d-Deċiżjoni Appellata billi*

*1. Tilqa l-ewwel u/jew it-tieni u/jew it-tielet u/jew ir-raba' aggravju u għalhekk tħassar id-deċiżjoni fejn din sabet lis-soċjeta appellanta responsabbli għall-ksur tar-Regolamenti kif indikat u sussegwentement tħassar jew tnaqqas il-Piena Amministrattiva ta' mitejn tmienja u tletin elf u sitt mija tlieta u disgħin euro (€238,693) hekk kif ridotta għall-piena ta' mitejn sitta u għoxrin elf u disa' mija u żewġ euros (€226,902) u/jew*

2. *Alternattivament u minghajr preġudizzju għas-suespost tirriduċi l-pieni amministrattivi eċċessivi mogħtija lill-appellanta għall-ammonti li huma aktar ekwi u proprozjonali u li fost l-oħrajn ma jwasslux għall-publikazzjoni tad-deċizjoni ai termini tal-Artikolu 13C tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, li lanqas biss kienet applikabbli meta saret l-ispezzjoni fl-2019*";

6. Illi r-rikorrenti rriservat ukoll "*kull dritt ta' rimedju gudizzjarju disponibbli għaliha, inklużi rimedji Kostituzzjonali għall-ksur tad-dritt tagħha għal-smiegħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali kif ukoll mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan l-Appell qiegħed fil-fatt jigi intavolat mingħajr ebda preġudizzju għal dan id-dritt Kostituzzjonali*";

7. Illi l-Korp intimat intavola r-risposta relattiva, hawn annessa u mmarkata bħala **Dok E,** fejn oppona għat-talbiet tar-rikorrent, b'dan li issa l-appell jinsab differit għat-18 ta' Ottubru 2023 għall-informazzjoni ulterjuri;

8. Illi dan ir-rikors kostituzzjonali qed jiġi intavolat stante li r-rikorrenti hija tal-fehma li numru ta' dispożizzjonijiet fil-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta ("Att") u fil-Ligi Sussidjarja 373.01 ("Regolamenti") jiksru d-dritt tagħha għal smigħ xieraq u tal-principju *nullum crimen nulla poena sine lege* u għaldaqstant dan ukoll illedi d-drittijiet fundamentali tagħha.

9. Illi dan għalhekk wassal għall-proċess vizzjat li wassal għal deċiżjoni li hija nulla u bla effett;

10. Illi permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti tissottometti li fost l-oħrajn l-Artikoli 13, u/jew 13 A, u/jew 13 B, 13 C u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti li huma d-disposizzjonijiet fil-liġi abbażi ta' liema l-Korp jista' jaġixxi bħala "judge and jury", kif ukoll bħala investigatur, u ma jingħatax rimedju ta' appell komplet, u għalhekk dawn id-dispożizzjonijiet iledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem hekk kif protetti mill-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u/jew l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni").

11. Il-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjoni, jilledi l-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni;

12. L-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti u/jew l-Implementing Procedures – Part 1 u Part 2 maħruġa mill-Korp ('l-Implementing Procedures") abbażi ta' liema l-Korp sab ksur li wassal għad-Deċiżjoni, jilledu l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Dan għaliex, il-Korp abbuża mid-diskrezzjoni mogħtija lilu mil-liġi, aġixxa arbitrarjament u b'abbuż tal-poteri tiegħu u sab li ir-rikorrenti kienet ħatja ta' akkużi ta' natura kriminali li ma jirriżultawx mil-liġi.

13. L-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jistabilixxi li meta jkun hemm akkuża kriminali, għandu jingħata smigħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali. Dan b'kuntrast ma proċeduri ċivili fejn l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jgħid li dan jista jsir ukoll quddiem awtorità oħra stabbilita b'liġi. L-artikolu

6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi l-istess protezzjoni ta' smigħ xieraq.

14. Illi detto questo teżisti ġurisprudenza qawwija fis-sens li meta Stat jagħti bixra ta' proċess amministrattiv lil dak li huwa proċess ta' indole kriminali, b'piena kriminali, l-artikoli fuq ċitati japplikaw u fil-kawża fl-ismijiet Engel and others v the Netherlands (5100/71, 5102/71, 5370/72 (8 ta' Ġunju 1976)) il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) stabbilit elementi li jwasslu ghall-applikabbilita tal-artikolu 6(1) tal-konvenjoni (u allura anki tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni);

15. Fil-każ Jussila v Finland il-Qorti daħlet f'analiżi ta' dawk il-proċeduri amministrattivi li jista jkollhom indole kriminali u li għalhekk għalihom għandu japplika l-Artikolu 6, filwaqt li fil-kawża fl-ismijiet Menarini Diagnostics S.R.L v Italia l-Qorti qalet ukoll li proċeduri amministrattivi ta' indole kriminali jistgħu ukoll isiru in prim'istanza permezz ta' process amministrattiv basta li fi stat ta' appell jingħata l-opportunita ta' stħarriġ ġudizzjarju komplet għar-rigward ta' dawn id-deċiżjonijiet:

*"59. La conformità con l'articolo 6 della Convenzione non esclude che in un procedimento di natura amministrativa, una "pena" sia inflitta da un'autorità amministrativa. Si presuppone però che la decisione di un'autorità amministrativa che non soddisfi le condizioni di cui all'articolo 6 § 1 debba subire un controllo a posteriori da un organo giudiziario avente giurisdizione piena... Tra le caratteristiche di un organo giudiziario avente piena giurisdizione vi è il potere di riformare in ogni modo, in fatto come in diritto, la decisione, resa da un organo di grado inferiore. Detto*

*giudice deve essere competente a giudicare tutte le questioni di fatto e di diritto rilevanti per la controversia per cui è adito."*

16. Il-Qorti Kostituzzjonali Maltija wkoll ikkonfermat dawn il-prinċipji fil-kawżi fl-ismijiet Angelo Zahra v Kummissarju tat-Taxxi Interni (29 ta' Mejju 2015), Federation of Estate Agents v Direttur Ġenerali Kompetizzjoni (3 ta' Mejju 2016), Rosette Thake noe v Kummissjoni Elettorali (Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Ottubru 2018), b'dan li f'dan l-aħħar każ l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali marret oltre l-ECHR u qalet li l-proċess amministrattiv li jseħħ quddiem l-Kummissjoni Elettorali jikser id-drittijiet stabbiliti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni billi l-Kummissjoni mhijiex qorti imparzjali u indipendenti. Dan minkejja l-fatt li kien hemm l-opportunita ta' rimedju sussegwenti kemm fuq kwistjonijiet ta' dritt u kemm fuq fatti, quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (bi dritt ta' appell ieħor quddiem il-Qorti tal-Appell).

17. Illi dan l-insenjament ġie fil-fatt ukoll applikat mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet **Phoenix Payments Limited vs Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja** (rik nru 51/2022AD, deċiża 30/03/2023), sentenza li minkejja li perfettament valida ġiet appellata, speċifikatament għad-dispożizzjonijiet li wasslu għad-deċiżjoni li hija l-mertu ta' dan ir-rikors:

"[...] *45. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-istess insenjament japplika in toto għall-każ odjern, anke jekk dwar mertu divers, stante illi l-multa amministrattiva f'Thake għandha l-istess għan u skop bħall-multa amministrattiva mertu tal-każ odjern...*

[...] 57. [...] *il-Qorti hija tal-fehma illi l-Artikolu 13(2) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 21 tal-LS 373.01 jilledu d-dritt fundamentali tas-soċjeta' rikorrenti għal smigħ xieraq kif protett mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta";*

18. Illi l-istess Onorabbli Qorti, diversament presjeduta fil-proċeduri fl-ismijiet **Insignia Cards Limited (C54426) vs. Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et** (Rikors Kostituzzjonali Numru 175/2021, deċiż fit-23 ta' Mejju 2023), irribadit dan l-insejament fil-kuntest proprju tal-artikoli li qegħdin jiġu mistħarrġa llum, u dan kif ġej:

*"26. Minn dak li stqarret il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha appena ċitata, joħroġ ċar li ġaladarba multa hija ntiża sabiex isservi ta' piena imma anki ta' deterrent fil-konfront tal-persuna li allegatament tkun kisret l-obbligi tagħha, din ma tistax tiġi kkunsidrata iktar bħala multa amministrattiva, u jistgħu jiġu invokati d-drittijiet imfissra fis-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u fissubartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*27. Fil-każ odjern, jirriżulta mid-disposizzjonijiet tal-para. (b) tas-subartikolu 13(1) tal-Kap. 373, fejn il-pieni amministrattivi jistgħu saħansitra jkunu fil-massimu ta' ħames miljun Euro, li l-ħsieb tal-leġislatur kien sabiex jipprovdi għal mekkaniżmu fil-liġi li jservi kemm ta' deterrent fuq il-persuni suġġetti li għalihom tapplika dik il-liġi, imma anki ta' piena f'każ li l-persuna suġġetta tinstab mhijiex konformi mal-obbligi tagħha kif imfissra taħt dik il-liġi jew taħt xi regolamenti li jkunu ġew magħmula mill-Ministru responsabbli. L-intimat Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu jammetti li d-deċiżjoni tal-Korp intimat jista' jkollha "effetti serji" fuq is-soċjetà rikorrenti. Tassew tgħid il-Qorti, dan jista' jagħti lok għall-possibilità ta' impożizzjoni ta' piena amministrattiva eżaġerata u forsi anki nġusta f'każ ta' ksur mhux daqstant*

*sinifikanti, u huwa proprju sabiex kull aġir arbitrarju min-naħa tal-Korp intimat jitrażżan, li ċ-ċittadin għandu jkollu l-protezzjoni tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tassubartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea".*

19. Illi dan is-sejbien ġie ukoll konfermat mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali), ukoll diversament presjeduta, fil-kawża fl-ismijiet **Lombard Bank plc vs Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja** (rik nru 392/2020GM, deċiża 05/06/2023) fejn l-Onorabbli Qorti sabet *"nulla u inattendibbli d-Deċiżjoni tal-Korp imsemmija fir-rikors promotur u tħassarha kollha".*

20. Illi barra minn dan kollu, huwa ta' importanza fundamentali dak li qalet l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fi proceduri (Rikors numru 300/2022/1JVC fl-ismijiet XNT Limited (C 52182) v. Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja u L-Avukat tal-Istat, deċiża fit-28 ta' Ġunju 2022) li fuq l-iskorta ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet:

*"Illi minghajr ma' l-Qorti tidhol fil-mertu tal-kaz odjern, huwa ovvju li r-rimedju tal-appell mill-multa mposta ma jaghti l-ebda rimedju ghall-ilmenti tas-socjeta' rikorrenti dwar l-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali stante li hija din il-Qorti li ghandha l-gurisdizzjoni sabiex taghmel hekk. L-ilment tar-rikorrenti huwa li l-ligi li taghti l-poter lill-Korp intimat li jinvestiga l-agir tar-rikorrenti, fl-istess hin hu stess jiehu decizjoni u jimponi l-piena tilledi d-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq.*

*Illi din il-Qorti, filwaqt li ghal darb'ohra tenfasizza li ma ghandha bl-ebda mod tigi nterpretata li qed taghti xi decizjoni fil-mori, ghal*

*kuntrarju tal-intimati, tqis li prima facie s-socjeta' rikorrenti wriet li hemm kaz ta' ksur ta' jedd fundamentali";.*

21. Illi fundametali ukoll huwa dak li qalet din l-Onorabbli Qorti fil-kawża fl-ismijiet Caruana vs Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (rik nru 11/2022TA, deċiża 28/09/2023) li kkummentat fuq diversi aspetti saljenti tal-liġi in eżami u tal-inġustizzji perpetrati taħtha, fost l-oħrajn:

*"56. Ma hemm ebda dubbju, li kapitlu erbgħa tal-Kostituzzjoni, apparti li huwa l-pedament tal-ħajja demokratika ta' kull ċittadin, huwa ukoll imħares mill-artikolu 6. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tas-sitt eċċezzjoni tal-intimat Korp, peress li jargumenta, li l-Kap 373 huwa trasposizzjoni tad-direttivi tal-Unjoni Ewropeja u għalhekk hemm is-supremazija tal-liġi Kommunitarja.*

*57. Imma meta din il-Qorti kkuntrastat id-drittijiet li għandha persuna quddiem Qorti bis-salvagwardji kollha kostituzzjonali u konvenzjonali sabet dan: li subject person bħal ma hu r-rikorrent, għalkemm tassew jingħata opportunita' jwieġeb għar-rapport tal-FIAU, kostrett bil-ħin li din tal-aħħar ma kellhiex, u li jista' ukoll, jekk irid jitlob, li jiltaqa' mal-uffiċjali tal-FIAU biex jiċċara xi affarijiet, id-dritt tiegħu jieqaf hawn. Jidher ċar li min ikun qiegħed jiġi investigat għandu telgħa wieqfa ħafna u dan kontra dak li trid sistema ta' konradittoria (adversarial).*

*58. Is-subject person la għandu d-dritt jattendi għall-proċess u l-anqas fl-agonijia tiegħu, meta tkun qed tiġi diskussa il-piena. La għandu dritt li jaħtar lil xi ħadd jirrapresentah tul il-proċess fil-waqt li dawk li ħejjew ir-rapport u tħejjew anke internament għall-udjenza finali fuq il-piena, jistgħu ikunu presenti f'każ li jkun talba għal kjarifika. Ir-rikorrent ma għandux dan id-dritt. Ma hemm xejn li huwa pubbliku, lanqas Sentenza tal-Qorti tal-Appell (ara art 13*

*tal-Kap 373). Di piu' jekk xi ħadd minn dawk li għandu jiddetermina dwar il-piena, għandu konflitt ta' interess, irid ikun dan minn jheddu li jiżvelah, ħaġa li ma jistax iqanqal ir-rikorrent.*

*59. Kif ġie osservat "The right to a fair trial supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle which applies to both civil and criminal proceedings, require each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent" ( Vide Harris, O'Boyle and Warbrick opr cit pg 414). Issa bir-rispett kollu, din il-Qorti bil-mod kif inhi imfassla l-liġi, bil-mod kif jiġu kondotti l-investigazzjonijiet u bil-mod kif tiġi formulata l-piena, din il-Qorti tilmaħ kollox, minbarra parita' ta' armi fis-sens kif trid sistema ta' kontradittorja.*

*60. Jekk ma tridx, l-impjegati tal-intimat Korp, huma imħallsa minnu u li s-sistema kollha hija awto finanzjata, tant li skont kif tgħid il-liġi (supra) mill-profitti. Il-profitti, kjarament ġejjin fost oħrajn minn dawn il-pieni (ara ukoll a' fol 142 mistoqsija parlamentari).*

*61. Interess ċar u dirett daqshekk ma jistax ikollok fl-imposizzjoni tal-multi. Il-Qorti ma hiex tgħid li dan qiegħed isir, iżda dan żgur ma jawgura xejn tajjeb għat-test oġġettiv tal-imparzjalita' tal-organu li għandu jiġġudika. Huwa prinċipju kardinali li min jissejjaħ biex jgħaddi ġudizzju ma għandux ikollu r-remunerazzjoni tiegħu, jekk mhux minn sorsi indipendenti u mingħajr ebda konnessjoni ma' materja li jrid jiddeċiedi dwarha. Il-Qorti appositament qegħdha tagħmel referenza għall-materja u mhux neċessarjament mal-każ partikulari li jkollha quddiemha.*

*62. Il-fatt li l-ħlas tal-Kumitat u tal-Korp ġejjin, jekk mhux kollha, in parti żgur, mill-pieni li jiġu prelevati, dan huwa fih innifsu*

*prinċipju perikoluż u ċertament itebba' is-sens ta' imparzjalita' ta' min jiġi imsejjaħ biex jgħaddi ġudizzju. Għalhekk il-prinċipju anglosassonu ta' Justice must only be done but must be seen to done, li għandu tifsira aktar wisgħa u persważiva minn kull prinċipju ieħor kontinentali fuq dan is-suġġett.*

*63. Dwar il-fatt li liġi tagħti d-dritt lir-rikorrent, appell mill-imposizzjoni tal-pieni, il-Qorti tagħmel tlett osservazzjonijet:*

*L-ewwel il-fatt li hemm dan l-appell ifisser li kien hemm xi deċiżjoni ġejja minn xi Korp aġġudikattiv. Ma hemmx appelli jekk mhux minn xi forma ta' Sentenza. Għalhekk, fil-waqt li kif rajna, l-istess liġi tagħmel emfażi li ma hemmx ħtieġa ta' seduta quddiem Qorti, fl-istess nifs tippermetti appell għal quddiem waħda mill-Qrati għoljin. Għalhekk huwa għal kollox kontrosens, li dan l-intervent tal-Qrati ma għandux ikun ukoll fl-istadju aktar bikri tal-proċess meta tkun qed tiġi imposta l-piena ġaladarba xorta jkun hemm possibilita' din is-seduta f'każ ta' appell. A skans ta' repetizzjoni ssir referenza għal dak li diġa' intqal aktar 'l fuq dwar din il-kwistjoni.*

*It-tieni, li għalkemm ir-rimedju jagħti dritt ta' appell għal quddiem il-Qorti tal-Appell Civili bis-salvagwardji kollha li hija mgħonija bihom bil-Kostituzzjoni, fis-sewwa, din il-Qorti ma tarax li qiegħed jintlaħaq. Kif diġa' spjegat, din il-Qorti pjuttost tilmaħ Qorti ta' reviżjoni aktar milli ta' appell, għaliex il-kompetenza tagħha hija limitata għar-reviżjoni ta' pieni biss u mhux per eżempju għall-applikazzjoni ħażina tal-liġi fuq kwistjonijiet li mhux neċessarjament marbuta ma' pieni.*

*It-tielet biex ikun appell dan irid ikun proċeduralment integru, fis-sens li l-persuna li qed tappella hija presunta li tkun ipparteċipat attivament bi dritt u mhux b'konċessjoni, mill-bidu sal-aħħar tal-*

*proċess li wassal għas-Sentenza appellata. Kif rajna, dan huwa 'l bogħod mill-verita'".*

22. Illi meta wieħed iħares lejn l-artikoli tal-Att u tar-Regolamenti jwassal sabiex, wieħed jikkonkludi li hemm leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq.

23. Il-Korp mhux awtorità indipendenti u awtonoma. L-artikoli 15 u 16 tal-Att jistabbilixxu l-Korp u jiddefinixxu l-funzjonijiet tiegħu. Fost l-oħrajn (15(3)) il-Korp għandu jagħmel ftehim ta' qadi li tagħmel l-aġenzija mal-Ministru, liema ftehim għandu jistabbilixxi l-finanzjament tal-aġenzija u ai termini tal-artikolu 16(3) għandu għall-inqas darba fis-sena jħejji rapport dwar l-attivitajiet tiegħu b'mod ġenerali lill-Ministru u għandu jagħti lill-Ministru faċilitajiet sabiex jikseb informazzjoni dwar il-proprjetà li jkollha u l-attivitajiet tagħha b'mod ġenerali utipprovdilu prospetti, kontijiet u kull informazzjoni oħra dwar dan. Dan ir-rapport jitqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati ai termni tal-artikolu 42 tal-Att;

24. Illi minbarra dan, u biex aktar toħroġ fid-deher r-rabta u d-dipendenza tal-Korp mal-Ministru u ma' l-Eżekuttiv, għal dak li għandu jkun organu indipendenti, l-artikoli 36 u 37 tal-Att juru kif sabiex ifittex finanzjament sabiex iwettaq il-poteri tiegħu, l-Korp jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Ministru (art 36), b'dan li dan tal-aħħar *"jista' jagħmel avvanzi lill-Korp ta' dawk l-ammonti li l-Ministru jista' jqis li jkunu meħtieġa mill-Korp sabiex iwettaq xi waħda mill-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att"* (art 37);

25. Illi meta dan jiġi allaċċjat mall-fatt li l-Korp jagħmel użu mill-fondi rikavati mill-Pieni Amministrattivi sabiex jiffinanzja l-attivitajiet tiegħu, wieħed faċilment jikkonkludi li l-Korp, u l-eżekuttiv, għandhom interess ċar li l-Pieni Amministrattivi jkunu kemm jista jkun sinnifikanti sabiex dawn jiffinanzjaw l-pagi, l-kirjiet u l-ispejjeż kollha inġenti tal-Korp, mingħajr ma jkollhom jintużaw fondi tal-Gvern;

26. Illi dan jistona mal-mod kif huma iffinanzjati per eżempju l-Qrati li huma totalment indipendenti mill-Gvern u l-ġudikanti li ma jitħallsux mill-Gvern;

27. Għaldaqstant, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jiddetta l-mod kif jiġi finanzjat il-Korp u jista' ukoll jimponi ħidmiet oħra speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati u miksuba mill-Korp, u l-ftehim mhuwiex wieħed pubbliku.

28. Il-Korp huwa kostitwit minn Bord ta' Gvernaturi u Direttur (Artikolu 18(1) tal-Att) li huma responsabbli għat-tmexxija u l-politika tal-korp, liema Gvernaturi huma appuntati mill-Ministru tal-Finanzi u mħallsin minnu.

29. Illi fjakka ukoll hija d-difiża tal-Korp li d-deċiżjoni ma ttiehditx mill-Korp iżda "Compliance Monitoring Committee" tal-Korp. Dan il-kumitat huwa fil-fatt maħluq mill-istess Korp, u kompost minn individwi li minbarra li huma appuntati mill-istess Korp, li meta jrid jista jneħħihom, mhumiex indipendenti minnu, billi huma impjegati tal-istess korp fosthom id-direttur u vici direttur u għalhekk huma responsabbli lejn l-istess korp u jifformulaw l-istrateġija tiegħu għalkemm inkredibilment jiddeskrivu lilhom infushom bħala indipendenti mill-Korp;

30. Illi l-korp kjarament mhuwiex imparzjali, u għalhekk qegħdin f'sitwazzjoni fejn l-istess entita toħloq regolamenti, timplimenthom, tissorveljhom, tagħżel meta u lil min tinvestiga, tagħżel x'dokumenti trid tara u x'informazzjoni ser tagħrbel, tiddeċiedi jekk wieħed huwiex responsabbli jew le u tiddeċiedi, mingħajr straċċ ta' linji gwida, x'piena amministrattiva (eżorbitanti) ser tikkundannah għaliha;

31. Illi l-multi li jimponi l-Korp huma enormi, kif inhuwa l-każ tal-piena stabbilita fid-Deċiżjoni u l-linji gwida li jmexxu lill-Korp mhumiex pubbliċi, u mhumiex adegwati, apparti li huma stabbiliti mill-isess korp li jimplimenthom, u għalhekk ma jgħaddu minn ebda għarbiel jew stħarriġ u l-Korp lanqas ma jġibhom a konjizzjoni ta' persuni suġġetti bħar-rikorrenti u l-appell li jingħata skont l-Att lir-rikorrenti mhuwiex rimedju adegwat biex jassigura d-dritt ta' smigħ xieraq u dan kif stabbilit f'diversi sentenzi tal-Onorabbli Qrati tagħna;

32. Illi anki f'kaz li tingħata interpretazzjoni aktar stretta bħal ma sar mill-ECHR, u cioe li proċess sussegwenti ta' appell quddiem Qorti imparzjali u indipendenti stabbilita b'liġi, jissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 6(1), xorta wieħed għandu jikkonkludi li l-appell li huwa previst mill-artikolu 13A tal-Kap 373 mhuwiex suffiċjenti u dan stante li fost l-oħrajn il-Qorti tal-Appell hija biss waħda ta' reviżjoni, li skont ġurisprudenza kostanti mgħandiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha ma' dik tal-ewwel istanza u stante li fost l-oħrajn teknikament huwa r-rikorrent/appellant li jrid jipprova l-innoċenza tiegħu u mhux vice versa, kif għandu jkun f'kull proċess kriminali; Dan, minbarra diversi, raġunijiet oħra (proċess irid jintemm fi żmien stipulat u

spedit, limitazzjoni fil-provi li jiġi prodotti eċċ) li ser jiġu spjegati waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, jrendi dan ir-rimedju inadegwat u għaldaqstant l-liġi ma tipprovdi ebda garanzija ta' smigħ xieraq;

33. Illi fattur ieħor relevanti huwa l-fatt li l-Korp, minkejja l-fatt li l-proċess ikunu għadu sub-judice, pendenti appell, meta jkun impona hu piena amministrattiva li teċċedi l-ħamsin elf euro (€50,000) jippubblika d-deċiżjoni fuq is-sit tiegħu, b'dannu sinnifikanti għar-reputazzjoni u l-immaġini tal-persuna suġġetta u dan meta l-piena amministrattiva u/jew id-deċiżjoni jkunu għadhom jiġu meqjusa mill-Qorti tal-Appell u għalhekk faċilment jistgħu jiġu mibdula;

34. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti tissottometti ukoll li hemm elementi oħra fil-liġi li jwasslu sabiex f'dan il-każ ma hemm l-ebda parità tal-armi.

35. Illi l-ewwel nett fi proċeduri ta indole kriminali wieħed għandu l-jedd li ma jinkriminax ruħu, jedd li mhuwiex rispettat fil-proċess investigattiv stante li l-persuna suġġetta jkollha mhux tipprovdi diversi dokumenti u tagħti aċċess sħiħ lill-korp, iżda jkollha wkoll tiżvela diversi affarijiet lill-Korp, ħaġa li fi proċeduri kriminali ma ssirx;

36. F'Saunders v United Kingdom, l-ECHR qalet illi:

*"It considers that the general requirements of fairness contained in Article 6, including the right not to incriminate oneself, apply to criminal proceedings in respect of all types of criminal offences without distinction from the most simple to the most complex. The public interest cannot be invoked to justify the use of answers*

*compulsorily obtained in a non-judicial investigation to incriminate the accused during the trial proceedings."* (*fn.* 14 *Para.* 74)

37. Illi barra minn hekk il-Korp jistabilixxi t-*timeframes* tal-investigazzjoni u filwaqt illi jippretendi li l-persuna suġġetta tagħti l-informazzjoni kollha fi żmien qasir, u lill-Qorti tal-Appell li tiddeċiedi fi żmien sitt xhur, l-korp jagħti lilu nnifsu żmien illimitat biex iħejji rapport, kif sar per eżempju fil-każ tad-deċiżjoni li ngħata diversi snin wara l-investigazzjoni;

38. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, r-rikorrenti tissottometti li jirriżulta biċ-ċar li d-drittijiet tagħha kif sanċiti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni qed jiġu leżi.

39. Illi di piu` u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti tissottometti umilment illi l-proċess li wassal għad-deċiżjoni jikser ukoll id-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti mill-Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li "Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –
(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat" u l-Artikolu 6(3)(a) tal-Konvenzjoni li ukoll jipprovdi li kull persuna akkużata b'reat kriminali għandha, bħala minimu, id-dritt li tkun infurmata minnufih, b'lingwa li tifhem u bid-dettall, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tagħha.

40. Illi r-rikorrenti tissottometti illi din il-protezzjoni, bħal protezzjoni milli tinkrimina ruħek u l-preżunzjoni tal-innoċenza, għandha tapplika għal proċess investigattiv tal-Korp, inkluz il-proċċess li jwassal għal-Minded Letter u sussegwentement għad-Deċiżjoni, stante li abbażi ta'

ġurisprudenza kostanti tal-ECHR, id-drittijiet garantiti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikaw mill-mument li Ir-rikorrenti ġiet mitluba tagħti l-informazzjoni minħabba potenzjali ksur tal-Att.

41. Illi waqt il-proċess u meta inħarġet il-Minded Letter, il-Korp ma nfurmax sew lir-rikorrenti dwar in-natura tal-akkuża u l-gravità o meno tal-akkuża li kienet qed tinġieb kontriha jew x'tip ta' ksur u multi setgħu jiġu imposti fuqha. B'dan il-mod, ir-rikorrenti ma kinitx f'pożizzjoni li tiddefendi ruħha sewwa minn kull allegazzjonijiet magħmula. F'dan il-kuntest issir referenza għal Pelissier and Sassi v France (Rikors Numru 25444/94 deċiża fil-25 ta' Marzu 1999) fejn l-ECHR qalet:

*"52...... The Court considers that in criminal matters the provision of full, detailed information concerning the charges against a defendant, and consequently the legal characterisation that the court might adopt in the matter, is an essential prerequisite for ensuring that the proceedings are fair."*

42. Ili għalhekk ir-rikorrenti tissottometti li l-korp missu pprovda indikazzjoni tal-multa li kien bi ħsiebu jimponi, anki fid-dawl tal-fatt li meta seħħet l-investigazzjoni l-multi ma kienux ikunu daqstant eżorbitanti, sabiex ir-rikorrenti tkun taf sew għalxiex dieħla u tkun tista tiddefendi ruħha f'mod adegwat u tipprepara ruħha f'mod adegwat. Dan ma sarx u b'konsegwenza ta' dan in-nuqqas kien hemm ksur tad-drittijiet kif protetti mill-Artikolu 63(a) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6)(a) tal-Kostituzzjoni.

43. Ir-rikorrenti ssostni ukoll li mid-Deċiżjoni jirriżulta li hemm ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni kif ukoll tal-Artikolu

39(8) tal-Kostituzzjoni, dan billi ħafna mill-konklużjonijiet fid-Deċiżjoni, huma konsegwenza ta' interpetazzjoni suġġettiva ta' regoli ġenerali kontenuti fir-Regolamenti u l-Implementing Procedures, jew ta' dispożizzjonijiet li ftit kienu ilhom fis-seħħ;

44. Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, id-dispżizzjonijiet iridu jkunu ċari u ma jħallux dubju dwar ir-Regolamenti u l-Implementing Procedures għandhom ikunu ċari u m'għandhom iħallu ebda dubju dwar l-interpretazzjoni tagħhom, b'dan li f'kull każ id-dubju għandu jmur favur il-persuna suġġetta (in dubbio pro reo);

45. F'Camilleri v Malta (Każ numru 42931/10, 22 ta' Jannar 2013, para 34-35; ara wkoll Varvara v Ialy 47475/09, G.I.E.M S.r.l and others v Italy Nos 1828/-6) l-ECHR stabbiliet li

*"The guarantee enshrined in Article 7 should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment Article 7 § 1 of the Convention sets forth the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen nulla poena sine lege). It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law. This requierment is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provisions and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable (Scoppola v Italy (no. 2) 10249/03 (17 September 2009)";*

46. Għaldaqstant liġi li għandha konsegwenzi penali għandha bilfors tkun ċara u toħloq prevedibilita. Wieħed għandu jkun jaf li dak li qed jagħmel jaf ikollu konsegwenzi serji, ta natura penali u r-regolamenti ma jistgħux ikunu nebolużi u interpretati soġġettivament proprju minn min kitibhom u min iddeċieda li hemm ksur tagħhom u għażel li jinvestiga lill-persuna suġġetta li potenzjalment lanqas setgħet tkun taf f'mod ċar li qiegħda tikser dispożizzjoni legali ta' tali portata;

47. Ir-rikorrenti għalhekk tissottometti li l-mod kif ġew interpretati ċerti partijiet mir-regolamenti u/jew l-Implementing Procedures mill-Korp fid-Deċiżjoni, jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.

48. Illi l-Korp u l-Avukat tal-Istat ġew debitament notifikati b'ittra uffiċjali li fost l-oħrajn interpellathom sabiex jirrevokaw u jannullaw l-istess deċiżjoni li hija nulla ai termini tal-liġi, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta li wasslu għall-istess proċess, iħassru b'mod immedjat kull referenza għall-istess deċiżjoni, fosthom minn fuq is-sitelettroniku tal-Korp intimat u jaċċertaw li tali deċiżjoni nulla, jew referenza għaliha, ma tkunx aċċessibbli lil terzi f'kwalunkwe mod, u jersqu għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni rekati lis-soċjeta mittenti (Ittra numru 3844/2023 fl-ismijiet Triton Capital Markets Limited Vs Korp Ghall-Analizi Ta' Informazzjoni Finanzjarja), kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. F** b'dan li l-intimati baqgħu inadempjenti;

49. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant, is-soċjeta rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha

1. Tiddikjara li l-Artikoli 13, u/jew 13 A, u/jew 13 B, 13 C u/jew 18, u/jew 19, tal-Att, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' Ir-rikorrenti hekk kif protetti mill-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni; u/jew

2. Tiddikjara li Il-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv li wassal biex il-Korp ħareġ id-Deċiżjoni, inkluż il-mod kif inħarġet l-Minded Letter, jilledi l-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 (6) (a) tal-Kostituzzjoni;

3. Tiddikjara li l-Artikolu 13 tal-Att, u/jew ir-Regolament 21 tar-Regolamenti u/jew ċertu disposizzjonijiet tar-Regolamenti u/jew l-Implementing Procedures abbażi ta' liema l-Korp sab ksur li wasal għad-Deċiżjoni, jilledu l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni; u/jew

4. Tiddikjara li d-Deċiżjoni, jew parti minnha, u l-mod kif iddeċieda l-Korp jilledi l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni;

5. Tiddikjara konsegwentement nulli u inattendibbli l-proċeduri investigattivi ta' compliance li għamlu l-Korp; u/jew

6. Tiddikjara nulli u inattendibbli id-Deċiżjoni, jew parti minnha, u tħassarha kollha jew in parte; u/jew

7. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu d-danni morali għall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija fil-konfront tal-esponenti; u/jew

8. Tagħti kull provvediment jew rimedju ieħor li din il-Qorti tħoss li huwa opportun

Bl-ispejjez kontra l-Korp.'

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

*'Preliminari*

1. Illi preliminarjament, azzjoni dwar validità o meno ta' liġi ma tistax tintalab permezz ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali iżda permezz ta' kawża ntavolata taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni (*actio popularis*) u huwa għalhekk li t-talbiet għal nullità u invalidità tal-liġijiet imsemmija mill-kumpanija rikorrenti huma mproponibbli u mhumiex permissibbli f'tali proċeduri;

2.1 Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, l-esponent jeċċepixxi li l-artikoli 39(1)[1] u 39(6) tal-Kostituzzjoni huma mproponibbli peress li l-

[1] Dan ġie ukoll ikkonfermat minn din l-istess Qorti diversament presjeduta fil-kawża Keith Schembri et vs Avukat Ġenerali et deċiża nhar it-23 ta' April 2021.

ilmenti kollha tal-kumpanija rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri ta' tali artikoli ġaladarba l-ilmenti tagħha ma jmissux ma' akkużi jew proċeduri kriminali, jew ma' proċeduri kriminali li ġew fi tmiemhom. L-artikoli 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13C u/jew 18, u/jew 19 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 li qed jiġu attakkati mill-kumpanija rikorrenti ma jwasslu għad-determinazzjoni tal-ebda reat jew akkuża kriminali. Fil-fatt, minkejja l-effetti serji li deċiżjoni tal-Korp intimat jista' jkollha fuq ir-rikorrenti, ma jfissirx li n-natura ta' tali pieni hija waħda kriminali. Għalhekk, il-kumpanija rikorrenti ma tistax tinqeda bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex tiddikjara dawk il-liġijiet u/jew il-proċeduri amministrattivi bħala leżivi tad-drittijiet fundamentali tagħha. Dan wisq iżjed meta l-entità tal-penali hija proporzjonata mal-periklu u l-ħsara li dik il-penali hija ntiża li tevita. Huwa ċar illi ma tistax tikkombatti l-periklu tal-ħasil tal-flus b'multi ta' tletin jew ta' tliet mitt Euro u l-applikazzjoni ta' multi amministrattivi fjakki f'dan il-qasam, ikunu ta' inċentiv għall-ħasil ta' flus minflok diżinċentiv;

2.2 L-artikolu 13B jipprovdi li piena amministrattiva tkun tista' tinġabar bħala **dejn ċivili** u l-avviż bil-miktub notifikat permezz ta' att ġudizzjarju ikun jikkostitwixxi **titolu eżekuttiv taħt il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan jgħodd ukoll għal meta jkun hemm appell mill-persuna soġġetta u b'deċiżjoni finali mill-Qorti tal-Appell. L-esponent iqis li, kieku l-multa amministrattiva kienet meqjusa bħala kriminali kif qed issostni l-kumpanija rikorrenti, **tali multa kienet tkun tista' tiġi konvertita f'ħabs u mhux titqies bħala dejn ċivili**. Tajjeb li ngħidu li din il-multa tapplika kemm għal meta l-persuna suġġetta tkun persuna fiżika, kif ukoll meta l-

persuna soġġetta tkun kumpanija bħal fil-każ preżenti. Kien ikun mod ieħor, kieku fil-każ ta' kumpanija tingħata multa, u fil-każ ta' persuna fiżika tingħata multa li tista' tiġi konvertita f'ħabs – iżda dan assolutament mhux il-każ. Għalhekk, il-fatt li l-liġi Maltija tikklassifika tali multa amministrattiva bħala ċivili jirriżulta ukoll ċar mill-appell li jista' jiġi ntavolat minn min ma jaqbilx mad-deċiżjoni maħruġa mill-Korp fil-konfront tiegħu – **l-appell huwa ċivili u jsir quddiem il-Qorti tal-Appell Ċivili u mhux quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Appell Kriminali**. Din id-distinzjoni żgur li m'għandhiex tiġi skartata;

2.3 Illi għalhekk l-esponent jirrileva li huwa l-artikolu 39(2) li għandu japplika għall-każ preżenti u żgur mhux l-artikolu 39(1), f'liema każ, l-artikolu 39(2) jitkellem dwar "*l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili*". Japplikaw imbagħad għalhekk id-disposizzjonijiet relevanti iżda mhux dawk rigwardanti persuni akkużati b'reati kriminali;

3. Illi l-kumpanija rikorrenti għadha ma utilizzatx ir-rimedji ordinarji li għandha a disposizzjoni tagħha. Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso Artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dawn l-artikoli;

*Mertu*

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, it-talbiet fil-mertu tal-kumpanija rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ

assolutament ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39(1), 39(6) u 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6§1, 6§3 u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati <u>mingħajr preġudizzju għal xulxin</u>:

5. Illi skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġi sussidjarja maħruġa taħt l-istess Att, il-Korp huwa mogħni bis-setgħa li jissuperviżjona l-persuni soġġetti u jara li qed jimxu skont il-liġi u r-regolamenti fl-ambitu amministrattiv tagħhom. Il-proċedura li jħaddem il-korp mhix investigazzjoni iżda hija superviżjoni. Superviżjoni ma tiskattax minn suspett iżda kull persuna soġġetta xi darba jew oħra ser tkun soġġetta għas-superviżjoni eżerċitata mill-Korp. Min-naħa tagħhom imbagħad, il-persuni soġġetti għandhom juru li huma qed jimxu skont ir-regolamenti u li qed jagħmlu l-verifiki kollha u d-*due diligence* kif rikjesta mil-liġi fuq il-klijenti tagħhom. Huwa fatt ukoll li l-Korp imbagħad joħroġ sanzjonijiet amministrattivi fil-konfront ta' min jinstab li ma mexiex mal-liġijiet li jipproteġu l-użu tas-sistemi finanzjarji mill-ħasil tal-flus, iżda kif joħroġ ċar mil-liġi, dan, bl-ebda mod ma jimplika li allura l-Korp intimat qiegħed jiddetermina jew jiddeċiedi akkużi dwar reati kriminali;

6. Illi <u>**multa amministrattiva ma tistax titqies *in vacuo* iżda trid tittieħed fil-kuntest**</u> **ta' dinja kummerċjali, fid-dawl tas-servizzi partikolari li toffri l-kumpanija appellata, fid-dawl ta' liema obbligi ġew miksura mill-kumpanija**, kif ukoll **tal-profitti tal-kumpanija**, **fejn il-profitti f'dan il-**

**kamp partikolari jkunu fenomenali,** u għalhekk l-obbligi u l-konsegwenzi jsiru iktar onerużi u gravużi biex jikkontrobilanċjaw l-inċentiv għall-abbuż. Meta l-Korp, li jkollu viżibilità ta' kollox, jiġi biex joħroġ multa, jieħu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi wkoll kif huwa fil-fatt obbligat li jagħmel mill-Kap 373, u mbagħad japplika l-liġi. Fis-sewwa, anki fid-dawl tad-Direttiva li fuqha ġiet imfassla l-liġi tagħna, il-Kap. 373 jobbliga lill-Korp li jimponi multi effettivi u dissważivi li mingħajrhom il-proċess kollu ta' nfurzar tal-liġi jiġi reż ineffettiv u merament simboliku – il-fatt li multa hija effettiva u dissważiva ma jfissirx li l-multa hija ta' natura kriminali iżda għall-kuntrarju tibqa' konsegwenza amministrattiva u mertu ta' azzjoni ċivili;

7. Illi hija l-liġi Maltija stess li tgħid li dawn il-proċeduri huma ta' bixra amministrattiva u mhux kriminali. Fil-fatt, meta wieħed jeżamina l-liġi Maltija u jixtarr l-artikoli tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġi sussidjarja maħruġa taħt l-istess Att, tidher ċara wkoll **id-distinzjoni bejn il-proċeduri kriminali li jiġu mmexxija mill-Pulizija u l-proċeduri amministrattivi li huma mmexxijin mill-Korp. Fil-fatt, anki l-pożizzjonament mil-leġislatur tal-artikoli relevanti juru kemm din id-distinzjoni hija fundamentali għall-Kap. 373. Għalhekk, naraw kif fl-ewwel Taqsima tal-Kap. 373, l-artikoli minn 3 sa 11A huma ddominati mill-proċeduri kriminali; iżda mbagħad huwa l-artikolu 13 li jifred is-sanzjonijiet kriminali (li jinkludu multi u priġunerija) mogħtija minn Qorti (l-artikolu 13(1)(a)[2]) mill-pieni**

[2] *"...sanzjonijiet kriminali hekk imposti m'għandhomx ikunu ta' iżjed minn multa ta' miljun euro (€1,000,000) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn ħames snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien kif stipulat fir-regoli jew regolamenti involuti.*

**amministrattivi mposti mill-Korp (l-artikolu 13(1)(b)[3]) u dan skont il-prinċipju:** ***ubi lex voluit dixit*****;**

8. Għalhekk la hija l-liġi stess li tqis dawn il-proċeduri bħala ta' għamla amministrattiva, il-garanziji proċedurali li skont il-Kostituzzjoni ta' Malta jgħoddu għall-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu mġebbda wkoll għal dawn il-proċeduri amministrattivi. F'dan il-kuntest tapplika tant tajjeb il-massima latina - *A verbis legis non est recedendum*;

9. Illi b'referenza għall-artikoli tal-Kap. 373 u r-Regolament 21 tar-Regolamenti maħruġa taħt il-Kap. 373, għall-finijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-kumpanija rikorrenti trid, l-ewwel u qabel kollox, tipprova li dawn is-sanzjonijiet huma forom ta' pieni ta' natura kriminali skont il-kriterji stabbiliti fis-sentenza Engel u oħrajn v. L-Olanda tat-8 ta' Ġunju 1976. Hawnhekk, tajjeb li wieħed jgħid li fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem minn dejjem inżammet id-distinzjoni bejn pieni li jaqgħu fil-kategorija ta' "*hard core of criminal law*" u "*cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law*";

10. Illi l-esponent jenfasizza li dawn il-proċeduri mhumiex ta' natura kriminali jew piena li taqa' fil-parametri ta' "*hard core of criminal law*", allura ma hemmx għalfejn li fl-ewwel istanza l-proċeduri jitmexxew quddiem qorti. Dan ifisser allura li ma hemmx konflitt mal-prinċipji tal-jedd ta' smigħ xieraq li ċertu sanzjonijiet jiġu imposti fl-ewwel istanza minn

[3] *"...pieni amministrattivi hekk imposti m'għandhomx ikunu iżjed minn:(i) ħames miljun euro (€5,000,000); jew (ii) darbtejn daqs l-ammont tal-benefiċċju miksub mill-kontravvenzjoni, ksur jew nuqqas ta' tħaris, meta dan ikun jista' jiġi stabbilit; jew (iii) għaxra fil-mija (10%) tal-fatturat annwali totali kif joħroġ fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji approvati u disponibbli l-aktar reċenti."*

organu amministrattiv li mhux ġudizzjarju (ara Jussila v. il-Finlandja deċiża fit-23 ta' Novembru 2006 u Hüseyin Turan v. It-Turkija deċiża fl-4 ta' Marzu 2008) u li jkollu setgħat kemm investigattivi u kemm li jagħti deċiżjonijiet (ara Janosevic vs. L-Isvezja deċiża fil-21 ta' Mejju 2003). Fis-sentenza deċiża mill-Qorti Ewropea fl-ismijiet Vegotex International S.A. v. Belgium (*Application no. 49812/09*), ġie mgħallem kif ġej:

*"75. The Court will also have regard to the fact that the present case concerns tax proceedings. Unlike criminal fines in the strict sense, a sum due by way of a tax penalty represents in a sense an extension of the tax debt, since it is calculated on the basis of that debt. In the instant case the tax surcharge, in accordance with the applicable legislation (see paragraph 35 above), constituted a percentage of the unpaid tax.*

*76. Furthermore, in accordance with the case-law of the Court, as tax surcharges differ from the hard core of criminal law, the guarantees of Article 6 do not necessarily apply with their full stringency (see Jussila, cited above, § 43; see also, to similar effect, Segame SA v. France, no. 4837/06, §§ 56-60, ECHR 2012 (extracts); Chap Ltd v. Armenia, no. 15485/09, §§ 41 and 44, 4 May 2017; and, from the standpoint of Article 4 of Protocol No. 7, A and B v. Norway, cited above, § 133)."*

11. Illi l-fatt li pieni amministrattivi jistgħu jilħqu ammonti ta' flus kbar, ma jbiddel xejn mill-fatt li dawn jistgħu jiġu mposti minn awtoritajiet amministrattivi (ara Bendenoun v. Franza tal-24 ta' Frar 1992). Sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorità mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji, allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Fil-fatt, skont l-Artikolu 13A tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, id-deċiżjoni

tal-Korp intimat tista' tiġi attakkata quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu, kif proprju ġara f'dan il-każ;

12. Illi minn eżami tar-rikors promotur, jidher li l-kumpanija rikorrenti qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tqis li kull darba li l-Korp jeżerċita l-funzjoni regolatorja tiegħu billi jistħarreġ dwar, jew jitlob informazzjoni lil persuna suġġetta, il-Korp ikun qiegħed jirrivolġi akkuża kriminali kontra dik il-persuna suġġetta u b'hekk jiskattaw id-drittijiet u s-salvagwardji kollha applikabbli għal persuna taħt investigazzjoni kriminali, inkluż id-dritt għas-silenzju. Huwa evidenti illi meta si tratta ta' eżiġenzi regolatorji ta' natura amministrattiva (bħal per eżempju dokumenti li juru li saret 'due diligence' dwar il-klijenti) tali lmenti min-naħa tal-kumpanija rikorrenti ma jreġux u mhumiex kompatibbli mal-eżistenza nnifisha tal-Korp intimat;

13. Illi l-fatt li l-Korp intimat huwa maqsum f'sezzjonijiet speċjalizzati li jaħdmu b'mod indipendenti minn xulxin għandu jissodisfa dak li huwa meħtieġ sabiex tittieħed deċiżjoni **f'dak l-istadju.** Fil-proċess li jwassal għad-deċiżjoni tiegħu, **il-Korp jirrispetta d-dettami kollha tal-ġustizzja naturali, jisma' x' għandu xi jgħid min hu indizjat, jagħtih opportunita' li jressaq il-provi tiegħu u illi jimpunja l-provi mressqa kontra tiegħu u li jagħmel sottomissjonijiet. Min jiddeċiedi dwar l-impożizzjoni ta' sanzjoni m' huwiex l-istess persuna li tkun eżaminat u ġabet il-każ ´il quddiem u għalhekk hemm separazzjoni bejn min 'jipprosekwixxi' u min 'jiġġudika'**. Di più, il-proċess li jsir mill-Korp ma jwassalx għall-impożizzjoni ta' multa eżegwibbli. Huwa l-Kap. 373 li jipprovdi b'mod inekwivoku illi kull multa

amministrattiva deċiża mill-Korp li tkun ta' ċerta portata trid, salv l-aċċettazzjoni tramite nuqqas ta' appell jew ħlas, tiġi mposta mill-Qorti biex tkun eżegwibbli.

14. Illi l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni assolutament ma japplikawx għall-każ tal-lum għaliex, apparti li ma hemm involut l-ebda reat kriminali, minn qari tal-artikoli jidher ċar li dawn jipprovdu għal każijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ in diżamina;

15. Illi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preċedenti, l-artikoli u r-regolamenti msemmija mill-kumpanija rikorrenti u kif tmexxa l-proċess ta' superviżjoni li wassal lill-Korp biex jieħu d-deċiżjoni fondata tiegħu (li ġiet eventwalment appellata iżda għadha mhix deċiża), ma jiksru l-ebda dritt fundamentali msemmi mill-kumpanija rikorrenti. Konsegwentement, l-ebda kumpens jew rimedju ieħor m'għandu jiġi mogħti lill-kumpanija rikorrenti;

16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

GĦALDAQSTANT, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kumpanija rikorrenti ma sofriet l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fondamentali u dan bl-ispejjeż kontra l-istess kumpanija rikorrenti.'

Rat ir-Risposta tal-intimat Korp ghall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja li taqra' kif isegwi:

1. 'Illi in via preliminari l-Korp esponent umilment jissottometti illi r-rikorrenti ghandha rimedju ordinarju effettiv ghad-disposizzjoni taghha a tenur tal-artikolu 13A tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi dritt ta' appell mhux biss fuq punti ta' ligi, izda anki fuq il-mertu tad-decizjonijiet tal-Korp. Fil-fatt ir-rikorrenti ghazlet li tuzufruwixxi ruhha minn dak ir-rimedju u intavolat l-appell taghha a tenur tal-imsemmi artikolu 13A, liema appell ghadu pendenti. Ghalhekk f'dan l-istadju, ir-rimedju ordinarju disponibbli ghar-rikorrenti ghad mhuwiex ezawrit.

   Ghaldaqstant il-Korp esponent umilment jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta illi tesercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali taghha kif jikkontemplaw l-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319.

2. Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi l-azzjoni odjerna hija wahda intempestiva billi d-decizjoni tal-Korp esponent fil-konfront tar-rikorrenti ghadha qieghda tigi kkontestata permezz tal-appell hawn fuq imsemmi. Ladarba r-rikorrenti ghazlet li tintavola appell, hija ghandha tistenna li dak l-appell jiehu l-kors kollu tieghu billi f'dan l-istadju ghad ma hemm l-ebda decizjoni finali fir-rigward tal-istess. Jekk sa llum ghadu qed jigi dibattut quddiem il-Qorti tal-Appell jekk is-sanzjoni imposta tramite d-decizjoni tal-Korp, hux ser tigi kkonfermata jew le, wiehed ma jistax f'daqqa wahda jinsa' li potenzjalment dik is-sanzjoni tista' tigi ikkonfermata jew imhassra, u jghaddi biex jara jistax jannulla dik is-sanzjoni abbazi ta' ksur ta'

ligi specjali dwar drittijiet fundamentali (haga li tippresupponi li s-sanzjoni giet diga' kkonfermata u ma baqa' l-ebda rimedju ordinarju iehor taht il-ligi ordinarja).

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit illi in kwantu ghal-lanjanzi immirati lejn il-Ligi innifisha, il-Korp esponent m'huwiex il-legittimu kontradittur peress illi huwa jaqdi l-funzjonijiet tieghu fil-parametri stabbiliti u determinati mil-Ligi b`mod imparzjali u indipendenti minn kull entita' jew awtorita' ohra. F'dan is-sens, il-Korp ma jistax jinstab illi jikser ebda drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u għaldaqstant, il-kwistjoni dwar jekk il-Ligi twassalx ghall-ksur ta' dritt fundamentali jew le tista' tigi imwiegba biss mill-Avukat tal-Istat u mhux mill-Korp esponent.

4. Illi fi kwalsiasi kaz u kompletament minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda disposizzjoni tal-Kap 373, tar-regolamenti sussidjarji jew tal-Implementing Procedures, u lanqas id-decizjoni tal-Korp jew is-sanzjoni amministrattiva konsegwenti, jew addirittura l-process amministrattiv li wassal ghall-istess, ma jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u huma lkoll validi.

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju, ghal dak li jirrigwarda kif mexa il-Korp, jigi eccepit illi l-Korp esponent ma ghamel xejn hlief mexa mal-Ligi, inkluz fil-process li wassal ghad-decizjoni tieghu u ghalhekk ma jistax jinstab responsabbli ta' xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

6. Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra hawn sollevati, il-Kap 373 tal-Ligijiet

ta' Malta u r-regoli, regolamenti u proceduri sussidjarji huma lkoll derivanti minn Ligi tal-Unjoni Ewropea u ghalhekk il-legislatur Malti huwa marbut bir-rekwiziti tal-istess fit-trasposizzjoni tad-Direttivi in kwistjoni; F'dan ir-rigward wiehed ghandu jqis il-principju generali abbraccat mill-Qrati Ewropej illi l-Ligi Kommunitarja hija prezunta bhala konformi mad-drittijiet fondamentali u fi kwalsiasi kaz, japplika il-principju ta' supremazija tal-Ligi Kommunitarja. Fil-fatt l-obbligi relattivi u l-inforzar tal-istess huma lkoll in linea mal-obbligi internazzjonali tal-Istat Malti, inkluz il-Ligi Ewropea kif gia inghad, u obbligi internazzjonali ohra inkluz ir-rakkomadazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, tal-European Banking Authority u l-Financial Action Task Force.

7. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikoli 39(1), 39(6)(a) u 39(8) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-Artikoli 6(3) u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni Ewropea") ma jsibu l-ebda applikazzjoni fil-kaz odjern in kwantu tali artikoli jipprovdu esklussivament ghall-garanziji fil-kamp kriminali. Il-Korp esponent ma jaghmel l-ebda determinazzjoni ta' dan it-tip billi huwa jiddetermina biss kwistjonijiet amministrattivi. Ghalhekk ma jista' jkun hemm ebda kaz ta' lezjoni tad-drittijiet sanciti mill-imsemmija artikoli peress li l-garanziji hemm delineati mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern.

8. Illi l-process adoperat mill-Korp esponent huwa strettament amministrattiv u ma jinvolvi ebda determinazzjoni ta' akkuza kriminali u s-sanzjoni imposta mill-Korp hija amministrattiva. Il-*quantum* tas-sanzjoni

m'hijiex l-unika kunsiderazzjoni li ghandha tigi meqjusa meta wiehed jigi biex jiddetermina in-natura tas-sanzjoni. L-imsemmija sanzjoni la tista' twassal ghal restrizzjonijiet fuq il-liberta' tal-persuna, u lanqas tista' tigi riflessa fil-fedina penali ta' persuna. Inoltre s-sanzjoni hija intiza biss bhala deterrent u mhix ukoll punittiva, u ebda sanzjoni hekk imposta ma hija konvertibbli fi prigunerija. Il-*quantum* ghandu jkun konsidrat ukoll fil-kuntest tal-vjolazzjonijiet regolatorji kommessi u tan-natura tal-Persuna Suggetta relattiva; evidentement sabiex sanzjoni amministrattiva tkun effettiva, jehtieg illi jkun hemm element ta' proporzjonalita' relattivament ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Dawn kollha huma fost varji fatturi importanti li jissottolineaw in-natura amministrattiva tas-sanzjoni in kwistjoni.

9. Illi inoltre l-Kap 373 u r-regoli u regolamenti sussidjarji huma lkoll derivanti minn Ligi tal-Unjoni Ewropea, li espressament tikklassifika s-sanzjonijiet in disamina bhala sanzjonijiet amministrattivi u mhux penali.

10. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju l-esponent lanqas ma jaqbel li wieħed għandu jirreferi għall-ġurisprudenza dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni biex jiddeċiedi jekk proceduri amministrattivi għandhomx jitqiesu li qed jiddeterminaw kwistjoni penali jew le ghall-fini tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-regim legali tal-Konvenzjoni u dak tal-Kostituzzjoni huma separati u distinti minn xulxin u ghandhom implikazzjonijiet għal kollox differenti. Ghalhekk it-test applikat mill-Qorti Ewropea tad-Drittiijiet tal-Bniedem biex tevalwa din il-

kwistjoni ghall-fini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhuwiex trasferibbli ghad-dritt Kostituzzjonali.

11. Illi ghalhekk il-garanziji tal-kamp kriminali li qieghda tipprova tinvoka r-rikorrenti ma jsibux applikabbilita' fil-kaz odjern u f'dan is-sens ma jista' jkun hemm ebda ksur ta' dawk il-garanziji kif sanciti fl-Artikolu 39(1), 39(6)(a) u 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikoli 6(3) u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu si tratta dwar proceduri ta' natura amministrattiva.

12. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, il-Korp esponent huwa enti independenti, awtonomu u imparzjali. Il-Korp ghandu struttura li tiggarantixxi li min qed jiddeciedi dwar il-ksur tal-obbligi legali mill-Persuni Suggetti u dwar l-imposizzjoni ta' miżuri amministrattivi, inkluż pieni amministrattivi, igawdi indipendenza u imparzjalita' u mhux minnu li l-istess persuni qed jagixxu ta' prosekuzzjoni, gurija u mhallef fl-istess kaz. Infatti, l-istadji differenti tal-process amministrattiv huma imqassma fi branki differenti fi ħdan il-Korp fejn dawn jaħdmu b'mod separat u distint minn xulxin tant illi kull kaz ikun suġġett għal skrutinju ġdid, separat u indipendenti kull meta l-istess kaz jitla' quddiem sezzjoni differenti tal-Korp. Inoltre r-rikorrenti kellha l-opportunita' shiha li tiddefendi ruhha u tressaq il-kaz taghha, inkluz billi giet attivament involuta fil-process u nghatat l-informazzjoni shiha qabel ma nghatat ukoll l-opportunita' li tressaq ir-rappresentazzjonijiet taghha, u dan sabiex hija tkun f'posizzjoni li tiddefendi ruhha b'mod effettiv, kif fil-fatt kellha opportunita' shiha li taghmel.

13. Illi fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korp esponent jagixxi bhala Regolatur a tenur tal-Kap 373 billi jissorvelja lill-Persuni Suggetti sabiex jassigura l-konformita' taghhom mal-obbligi kollha relattivi li huma intizi sabiex l-imsemmija Persuni Suggetti ma jigux utilizzati minn terzi ghall-finijiet ta' hasil ta' flus jew finanzjar ta' terrorizmu. Dan huwa dover impost fuq il-Korp mil-Ligi stess, li tirrikjedi li l-Korp jimponi l-multi amministrattivi appoziti f'kaz ta' ksur tal-imsemmija obbligi. L-interess tal-Korp *qua* Regolatur huwa propju l-osservanza tal-disposizzjonijiet tal-Ligi u l-prevenzjoni ta' hasil ta' flus u finanzjar ta' terrorizmu. Ghalhekk ukoll il-Korp esponent huwa ghal kollox independenti u imparzjali wkoll in kwantu l-unika interess illi huwa ghandu huwa propju l-osservanza tal-Ligi.

14. Illi ghalhekk ukoll ma jistax jitqies illi kien hemm ebda ksur kwalunkwe tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

15. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi l-Artikolu 13A tal-Kap 373[4] jaghti rimedju adegwat sabiex jigi assigurat id-dritt tas-smiegh xieraq. A tenur tal-imsemmi Artikolu 13A, il-Persuna Suggetta li fuqha tkun giet inflitta sanzjoni, ghandha opportunita' li tressaq il-kaz **__kollu__** taghha – kemm fuq punti ta' fatti, u kif ukoll punti ta' ligi – quddiem Qorti mwaqqfa bil-Ligi u moghnija bil-garanziji kollha ta' indipendenza u

[4] 13A.(1) *Kull meta persuna suġġetta tħoss ruħha aggravate b'piena amministrattiva imposta fuqha mill-Korp kif ikun hemm fir-regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, u dik il-piena amministrattiva tkun ta' iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), sew jekk din tkun imposta dwar xi kontravvenzjoni waħda jew aktar, il-persuna suġġetta tista' tappella minn dik il-piena amministrattiva* ***kemm fuq punti ta' liġi u fuq il-mertu****.* [enfasi mizjud]

imparzjalita'. Dan ifisser li d-dettami tal-jedd ghal smiegh xieraq jinsabu pjenament sodisfatti. Is-smiegh tal-appell mill-Qorti tal-Appell hija garanzija sufficjenti ta' smiegh xieraq fir-rigward tas-sanzjonijiet amministrattivi imposti mill-Korp. Ghalhekk ukoll ma jista' jirrizulta ebda ksur la tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

16. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju l-lanjanzi tar-rikorrenti iridu jittiehdu fil-kuntest tas-smigh li nghatat l-istess rikorrenti fil-kawza taghha u mhux jigu ezaminati *in vacuo* jew fuq mera spekolazzjoni. Ghalhekk l-ewwel u qabel kollox, ghandu jigi ezawrit il-process tal-appell ghaliex inutili li wiehed iqis dawn l-argumenti *a priori* imma jrid l-ewwel u qabel kollox jigi deciz l-appell biex wiehed ikun verament jista' jqis jekk is-smiegh li nghata kienx adegwat u gust. Jekk fis-smiegh tal-appell taghha r-rikorrenti nghatat smiegh xieraq, allura inutili li minn issa r-rikorrenti tghid li ma kellhiex access ghal process xieraq. Ir-rikorrenti tipprova tiskarta dan kollu billi tibqa' fuq livell teoretiku, haga li hija kompletament illogika ghax il-kwistjoni dwar jekk kienx hemm smiegh xieraq jew le, tigi determinat b'referenza ghall-process partikolari fil-konfront tar-rikorrenti u ma jistghux isiru generalizzazzjonijiet spekolattivi. Fil-fatt fl-appell taghha, ir-rikorrenti nghatat l-opportunita' li tressaq il-provi kollha li dehrilha xierqa – u hija hekk ghamlet.

17. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, assolutament mhux minnu li ir-rikorrenti sofriet xi ksur tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq minhabba xi nuqqas

ta' parita' tal-armi jew ghax giet sfurzata tinkrimina ruhha, kif tallega fir-rikors promotur.

18. Illi minghajr pregudizzju, anke fil-proceduri quddiem il-Korp, ir-rikorrenti nghatat l-opportunita' kollha li tressaq il-provi, dokumenti u sottomissjonijiet li dehrilha necessarji qabel ma l-Korp esponent wasal ghad-decizjoni tieghu u ghalhekk kellha opportunita' shiha ghal smiegh xieraq. Ir-rikorrenti kienet involuta f'kull stadju tal-process u giet provduta bl-informazzjoni shiha biex tkun tista' tiddefendi ruhha b'mod effettiv, inkluz bl-involviment tal-istess rikorrenti waqt iz-zjara u billi giet fornuta b'dettall estensiv dwar il-vjolazzjonijiet potenzjali qabel ma giet mitluba tressaq ir-rappresentazzjonijiet taghha.

Inoltre l-process regolatorju jikkoncerna dokumenti tar-rikorrenti stess – *files* li kienu u dejjem baqghu fil-pussess tar-rikorrenti u ghalhekk f'kull hin kellha access shih ghall-provi kollha li seta' kellha bzonn. Il-fatt biss li bil-ligi l-Korp esponent ghandu s-setgha li jezamina l-*files* tal-Persuna Suggetta sabiex jara jekk dik il-Persuna Suggetta hix qed taqdi l-obbligi taghha, ma jfissirx li b'daqshekk ikun sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq.

19. Illi minghajr pregudizzju fir-rigward tal-allegazzjoni illi r-rikorrenti giet sforzata tinkrimina ruhha, jigi eccepit qabel xejn illi dak id-dritt li japplika biss fil-kamp kriminali u ghalhekk m'ghandux rilevanza ghal dawn il-proceduri. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, l-allegazzjoni hija kompletament infondata.

20. Illi minghajr pregudizzju l-Korp jezercita l-irwol supervizorju tieghu, li huwa essenzjali ghall-funzjoni tieghu ta' monitoragg tas-settur finanzjarju fil-pajjiz fil-glieda kontra l-hasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terrorizmu. Jekk il-Korp jitlob li jara dokumentazzjoni li suppost il-Persuna Suggetta hija obbligata bil-ligi li zzomm, u l-Persuna Suggetta tonqos li tforni dik id-dokumentazzjoni jew informazzjoni, il-Korp ma jistax jassumi li dik id-dokumentazzjoni tezisti jekk ma jkunx raha, u stante n-natura regolatorja tal-ksur huwa evidenti li jekk il-Persuna Suggetta ma tissupplixxix dokument jirrizulta li tkun naqset li tonora l-obbligu legali taghha li jkollha dak id-dokument. Ma tistax il-Persuna Suggetta tippretendi li ma tfornix evidenza tal-fatt li hija qed issegwi l-obbligi imposti fuqha mil-ligi, u tippretendi fl-istess hin li tigi ezentata mis-sanzjoni jew li jigi prezunt li hija kienet konformi mal-ligi minghajr ebda evidenza li verament qdiet l-obbligi taghha. Jekk il-Persuna Suggetta tkun imxiet mal-obbligi imposti fuqha bil-ligi, tali obbligi jimponu wkoll li jkollha evidenza f'idejha ta' dak l-istat ta' fatt, u l-fatt li ma tipproduci ebda evidenza jfisser li l-Korp ma jistax jiddetermina li l-Persuna Suggetta qdiet l-obbligi taghha. Ghalhekk ir-rikorrenti ma ghandhiex ragun tghid li baghatiet xi nuqqas ta' parita' ta' armi u lanqas li giet imgieghela b'xi mod tinkrimina ruhuha (dan apparti li mkien ma wera x'kien ir-reat li suppost inkriminat ruhha bih).

Hawnhekk ta' min jirrileva wkoll illi lanqas fi proceduri li huma strettament penali (haga li l-proceduri quddiem il-Korp **<u>ma humiex</u>**) ma jitqies li certu obbligi regolatorji jwasslu ghal xi ksur bhal dak li tilmenta minnu r-

rikorrenti, ahseb u ara fil-kaz odjern li huwa wiehed **purament amministrattiv**. Fil-fatt anke fi proceduri penali bhal per ezempju dawk li jittrattaw ksur tal-obbligi tal-principal (*employer*) fil-qasam tal-*health and safety* il-Qorti hija marbuta li ssib lill-imputat hati jekk per ezempju ma jkunx ghamel *risk assessment* jew jekk dan ir-*risk assessment* ma jkunx adegwat, u b'daqshekk ma jkunx hemm ksur tad-dritt ghas-smiegh xieraq u lanqas ma jfisser li l-Ligi tkun gabet lill-imputat f'pozizzjoni li jinkrimina ruhu. Kif inghad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet *The Republic of Malta vs Gregory Robert Eyre and Susan Jayne Molyneaux* deciza fl-1 ta' April 2005, "*there may be circumstances in which it is only fair that the onus of proving certain facts, especially facts which lie within the particular knowledge of the accused, should rest on the accused himself*". Zgur ghalhekk li jekk lanqas hemm ksur ta' drittijiet fundamentali fejn il-Ligi stess tiddefinixxi l-ksur tal-obbligu bhala reat kriminali (bhal fil-kaz tal-*health and safety*), aktar u aktar ma jistax jinghad li fil-kaz odjern l-obbligu regolatorju fil-qasam tad-dritt amministrattiv tar-rikorrenti b'xi mod jilledi xi dritt.

21. Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost ir-rikorrenti kellha zmien bizzejjed biex taghmel is-sottomissjonijiet u tressaq il-provi taghha anke qabel ma nghatat id-decizjoni tal-Korp. Id-durata tal-process supervizorju ma jistax jigi mqabbel mal-perjodu li l-Persuna Suggetta tinghata biex taghmel is-sottomissjonijiet taghha jew biex tintavola l-appell taghha mid-decizjoni tal-Korp; addirittura dan tal-ahhar jirrizulta *ex lege* u huwa wkoll in linea ma' varji termini tal-appell fil-Ligi nostrana, inkluz addirittura appell minn kawza bhal

dik odjerna.. Wara kollox il-Persuna Suggetta tkun familjari mal-*files* taghha stess u ghalhekk qieghda f'pozizzjoni ta' vantagg meta mqabbla mal-Korp innifsu li jrid il-hin biex jevalwa *files* li ma jkunux tieghu u li ma jkun ra qatt qabel.

22. Illi minghajr pregudizzju mhuwiex minnu li d-dritt ta' appell taht l-Artikolu 13A tal-Kap 373 iwassal ghal xi inverzjoni tal-oneru tal-prova. Fl-istadju tal-appell, il-Korp esponent ikun diga ressaq il-kaz tieghu fis-shih, kif kontenut fid-decizjoni appellata stess u ghalhekk, jekk f'dak l-istadju l-Persuna Suggetta li tkun qieghda tappella mis-sanzjoni jidhrilha li ghandha provi xi tressaq, hija tkun qieghda twiegeb ghall-posizzjoni mehuda mill-Korp ibbazata fuq il-provi kollha migbura minnu u li jikkostitwixxu l-kontenut tal-*file* intern li jwassal ghad-decizjoni tal-Korp li jigi prezentat quddiem il-Qorti tal-Appell u li huwa disponibbli ghall-istess Persuna Suggetta. Fil-fatt ir-rikorrenti hekk ghamlet meta ressqet il-provi taghha fl-appell.

23. Illi minghajr pregudizzju lanqas ma huwa rilevanti t-terminu ghad-decizjoni tal-Qorti kif stabbilit mil-Ligi. Il-fatt illi l-Ligi tipprovdi ghall-process spedit bl-ebda mod ma jfisser illi d-dritt ghal smiegh xieraq jigi mittiefes. L-argument tar-rikorrenti huwa wiehed spekolattiv u minghajr bazi; ir-rikorrenti qieghda taghmel assunzjonijiet fiergha dwar dak li jista' jaffettwa l-hsieb tal-gudikant. Addirittura a tenur tal-Artikolu 13A(5) tal-Kap 373, dak it-terminu jista' jigi estiz bil-qbil taz-zewg partijiet **jew** mill-Qorti minn jedda ghal ragunijiet eccezzjonali u fil-fatt fl-appell imressaq mir-rikorrenti, it-terminu diga gie hekk

estiz. In ogni caso l-element ta' diskrezzjoni tal-gudikant jibqa' dejjem essenzjali propju sabiex ikopri dawk is-sitwazzjonijiet li l-Ligi mhux necessarjament tkun prevediet, u dan sabiex jigi accertat illi ssir gustizzja f'kull cirkostanza.

24. Illi minghajr pregudizzju, ghal dak li jirrigwarda l-pubblikazzjoni tad-decizjoni tal-Korp, dan isir skond l-obbligu stabbilit fl-artikolu 13C tal-Kap 373, li jipprovdi wkoll ghal salvagwardji ghad-drittijiet tal-Persuna Suggetta u bl-ebda mod ma jikser id-drittijiet fondamentali. Il-pubblikazzjoni in kwistjoni tindika kjarament illi d-decizjoni giet appeallata u li dak l-appell ghadu pendenti, kif irid l-imsemmi artikolu 13C. B'danakollu dik il-pubblikazzjoni hija fl-interess tal-pubbliku, li ghandu d-dritt u interess li jkun jaf li gew imposti sanzjonijiet, specjalment f'kaz ta' socjeta` licenzjata mill-awtoritajiet sabiex tesercita attivita' partikolari bhal ma hi r-rikorrenti. Wara kollox anke min tinqata' sentenza kriminali kontra tieghu (li huwa aghar mix-xenarju li ghandna quddiemna ghaliex id-decizjoni mehuda mill-Korp esponent hija wahda amministrattiva u mhux kriminali), dik id-decizjoni tigi ppubblikata u tkun *in the public eye* anke jekk ikun ghad hemm appell pendenti, u anke jekk l-effett ta' dik is-sentenza jista' jkollu konsegwenzi fuq ir-reputazzjoni tal-akkuzat.

25. Illi kif gia eccepit l-Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea u ma jsibu ebda applikabbilita' fil-kuntest odjern ta' proceduri amministrattivi billi huma garanziji applikabbli biss fil-qasam penali.

26. Illi fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju, jigi eccepit illi r-rikorrenti erronjament tirreferi ghall-process li wassal ghad-decizjoni tal-Korp bhala wieħed "investigattiv" meta dak il-process huwa fil-fatt wiehed **supervizorju**. Dak li ghamel il-Korp huwa *compliance review* li issir bhala rutina fuq il-Persuni Suggetti b'mod generali, u bhala parti mill-operat tal-Korp fil-qadi tal-obbligi tieghi naxxenti mill-Ligi. L-obbligu ta' Persuna Suggetta illi tipprovdi d-dokumenti mitluba minnha mir-Regolatur huwa obbligu legali li jifforma parti minn spettru ikbar ta' obbligi regolatorji ta' persuna suggetta. Bhala persuna suggetta ir-rikorrenti taqa` taht l-iskrutinju tar-Regolatur, li huwa l-Korp esponent – xejn gdid u xejn mistur.

27. Illi f'dan is-sens, meta jinbeda l-process, din tkun **procedura regolatorja** fejn il-Korp jitlob access ghall-proceduri u dokumenti tal-Persuna Suggetta biex ikun jista' jiddetermina jekk hijiex qieghda taderixxi ruhha mal-obbligi taghha dwar il-prevenzjoni tal-hasil ta' flus u finanzjar ta' terrorizmu. F'dak il-punt inizzjali ma kien hemm xejn li l-Korp seta' jinforma lir-rikorrenti bih hlief li huwa ser jezamina l-konformita' o meno mal-obbligi regolatorji li jinkombu fuqha. Dan kif il-Korp fil-fatt ghamel sa mill-punt inizzjali meta avza lir-rikorrenti li ser issir il-*compliance review.*

Sussegwentement il-Korp baghat l-hekk imsejha *Potential Breaches Letter*, li dettaljament tiddelinea l-fatti relattivi u tikkwota in-numru estensiv tad-disposizzjonijiet tal-Ligi li kien jidher li gew miksura. Dik l-ittra kienet wahda dettaljata immens li kienet kjarament telenka l-fatti kollha

li kien jidher li wasslu għall-ksur ta' Liġi u kienet tagħmel referenza espressa għad-disposizzjonijiet li kien jidher li ġew miksura. Dan kollu kien jixhed il-fatt li l-kwistjoni kienet serja u r-rikorrenti ma tista' qatt raġjonevolament tgħid illi hija ma kellux hjiel tal-gravita' tal-vjolazzjonijiet u l-implikazzjonijiet relattivi.

Is-sanzjoni eventalment imposta hija entro l-parametri stabbiliti mil-Liġi u mir-regolamenti applikabbli u kwindi r-rikorrenti kellha access u għarfien shih tas-sanzjonijiet li setgħu jiġu imposti fuqha, mingħajr ma kien hemm ebda htieġa li l-Korp jagħti xi pre-avviz specifiku dwar l-ammont tas-sanzjoni potenzjali. Il-Persuna Suġġetta – bħala kull persuna oħra – hija prezunta li taf il-Liġi u ma tistax tistrieh fuq nuqqas ta' għarfien tal-Liġi – *ignorantia juris non excusat*. Dan specjalment fejn si tratta dwar Liġi specjali li tirregola b'mod partikolari l-kategorija ta' entitajiet jew individwi li jikklassifikaw bħala Persuna Suġġetta in vista tal-attivitajiet li jkunu qiegħdin jeżercitaw.

28. Illi jiġi ribadit illi fil-mument li l-persuna suġġetta tircievi l-*Potential Breaches Letter* – l-isem stess jindika – ma jkun hemm ebda 'hsieb' predispost tal-Korp la illi jikkonferma dak in-nuqqas u wisq inqas tal-multa illi ser jimponi f'kaz illi n-nuqqas jiġi kkonfermat. L-unika informazzjoni li l-Korp jista` jgħaddi lill-persuna suġġetta f'dak il-mument huma biss dettalji dwar in-nuqqasijiet li ġew rilevati mill-fergħa supervizorja tiegħu u konsegwentement jalloka zmien adegwat, kif fil-fatt għamel, sabiex il-persuna suġġetta tressaq il-posizzjoni tagħha. Huwa biss wara li jkollu s-sottomissjonijiet tal-Persuna Suġġetta illi l-Korp

jersaq sabiex jiddeciedi jekk in-nuqqasijiet 'potenzjali' sarux nuqqasijiet 'reali' u jimponi l-konsegwenza amministrattiva, jekk ikun il-kaz.

29. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, qabel ma jigi determinat li kien hemm ksur tal-Ligi, il-Korp ma jkollux hsieb illi jimponi xi multa partikolari. Il-Korp javza li jkun jidher illi seta' kien hemm ksur ta' Ligi u jaghti d-dettalji kollha relattivi ghal dak il-ksur biex il-Persuna Suggetta tkun tista' tiddefendi ruhha. Madanakollu, hija l-Ligi nnifisha li tipprovdi ghas-sanzjonijiet li ghandhom jigu imposti f'kaz ta' ksur ta' Ligi, u dan kif stabblit fir-Regolament 21. Ebda Persuna Suggetta li jigi indikat lilha xi ksur potenzjali kien hemm, ma tista' tghid li ma tafx x'sanzjonijiet jistghu jigu imposti – *ignorantia juris non excusat*.

30. Illi ghalhekk ukoll assolutament ma kien hemm ebda ksur tal-Artikoli 6(3) tal-Konvenzjoni u 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni.

31. Illi minghajr pregudizzju jigi eccepit ukoll illi ebda disposizzjoni tal-Kap 373, tar-Regolamenti jew tal-*Implementing Procedures* ma tilledi d-dritt fondamentali kif sancit fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

32. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni huma applikabbli biss fil-kamp kriminali, u ghalhekk ma jsibu ebda applikazzjoni fil-kaz odjern li jikkoncerna multa

amministrattiva imposta mir-Regolatur, dan kif gia eccepit hawn fuq.

33. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, t-talba fejn qed jintalab dikjarazzjoni li disposizzjonijiet legali jmorru kontra l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ma tistax tintlaqa' in kwantu hija talba vaga li ma tidentifikax liema huma d-disposizzjonijiet tal-Ligi li huma allegatament "regoli generali".

34. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju, jigi eccepit li d-disposizzjonijiet tal-Ligi huma ampjament cari, certi u dettaljati u ma hemm ebda lok ta' dubbju dwar l-obbligi li jinkombu fuq il-persuna suggetta. F'dan ir-rigward, jigi rilevat illi fil-fatt ir-rikorrenti lanqas ma indikat liema huma dawk id-disposizzjonijiet li qieghda tallega li jilledu d-drittijiet taghha. Daqstant iehor huma cari fil-Ligi l-multi li tista' tehel il-persuna suggetta u ghalhekk, id-disposizzjonijiet tal-Ligi u regoli u regolamenti kollha sussidjarji, kif ukoll il-process ta' *compliance review* u d-decizjoni tal-Korp, bl-ebda mod ma jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti.

35. Illi inoltre jigi eccepit illi l-*Implementing Procedures* m'humiex sempliciment linji gwida izda jorbtu lil Persuni Suggetti ai termini tar-Regolament 17 tal-Ligi Sussidjarja 373.01 u ghalhekk l-obbligi hemm dettaljament stabbiliti jinkombu fuq il-Persuni Suggetti skond il-Ligi.

36. Illi jigi eccepit ukoll illi ebda parti mid-decizjoni tal-Korp, jew tal-mod kif iddecieda l-Korp, ma tilledi l-imsemmi

artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Il-Ligi hija cara kif inghad u l-kwistjoni dwar jekk il-Korp esponent applikax il-Ligi sew jew le, ma hijiex kwistjoni ta' natura kostituzzjonali izda tirrigwarda l-mertu tal-kaz innifsu li jinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, li tista' tvarja, thassar jew tikkonferma d-decizjoni tal-Korp.

37. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat ukoll illi huwa min-natura ta' process amministrattiv illi l-entita' munita bil-poter decizjonarju jkollha element ta' diskrezzjoni fl-ezercizzju ta' dak il-poter decizjonarju taghha. B'daqshekk ma jfissirx li sehh xi ksur ta' xi drittijiet fundamentali tal-Persuna Suggetta. Inoltre, u fi kwalsijasi kaz, il-Korp ezercita d-diskrezzjoni tieghu b'mod gust u ragjonevoli pero' din mhix kwistjoni ta' drittijiet fundamentali izda propju l-mertu tal-appell li ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. U kwindi in kwantu r-rikors huwa premess fuq il-mod kif il-Korp jezercita jew ezercita d-diskrezzjoni tieghu jew fuq il-mod kif jinterpreta jew interpreta l-ligi u r-regolamenti, it-talbiet ma jistghux jigu milqugha billi m'humiex talbiet ta' natura Kostituzzjonali jew Konvenzjonali izda huwa biss mertu tal-appell taht il-Ligi ordinarja. Dan huma semplicement tentattiv li jigi kkreat appell tat-tielet istanza, haga li certament il-ligi ma tittollerax u ma ghandux ikun li l-process Kostituzzjonali jigi abbuzat b'dan il-mod.

38. Illi ghalhekk, id-disposizzjonijiet tal-Ligi u regoli u regolamenti kollha sussidjarji, l-*Implementing Procedures* kif ukoll il-processi ta' *compliance review* u d-decizjoni tal-

Korp, bl-ebda mod ma jilledu l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea jew drittijiet ohra fondamentali u huma lkoll validi.

39. Illi minghajr pregudizzju in kwantu ghar-referenzi li taghmel ir-rikorrenti fir-rikors promotur ghas-sentenzi moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversement presjeduta, fil-kawzi promossi minn *Phoenix Payments Limited*, *Insignia Cards Limited, Lombard Bank Malta plc, XNT Limited u*u Dr Roderick Caruana, jigi bl-akbar rispett sottomess illi kemm il-Korp esponent u wkoll l-Avukat tal-Istat hassew ruhhom aggravati b'dawk is-sentenzi u fil-fatt kull wiehed miz-zewg konvenuti ressaq l-appelli tieghu, liema appelli lkoll ghadhom pendenti. Inoltre sentenzi tal-Qrati jorbtu biss lill-partijiet f'dik il-kawza u jghoddu biss ghall-mertu specifiku trattat f'dik il-kawza biss u ma jistax ikollhom xi effett *erga omnes*.

40. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Artikoli 13 u/jew, 13A u/jew, 13B u/jew, 13C u/jew, 18 u/jew 19 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew ir-Regolament 21, kif ukoll id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti sussidjarji u l-*Implementing Procedures* li abbazi taghhom il-Korp sab il-ksur tal-obbligi tar-rikorrenti, bl-ebda mod ma jilledu d-drittijiet fondamentali tas-socjeta' rikorrenti u l-Korp esponent fi kwalsijasi kaz mexa skond il-Ligi, inkluz fil-process li wassal ghad-decizjoni tieghu, u ma wettaq ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta' rikorrenti u ghalhekk l-allegazzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

41. Illi l-process ta' *compliance review* u d-decizjoni tal-Korp li segwiet l-istess, huma lkoll validi u skond il-Ligi.

42. Illi ghalhekk ukoll l-esponent ma jista' jigi dikjarat responsabbli ta' l-ebda danni, inkluz danni morali, fil-konfront tar-rikorrenti.

43. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din il-Qorti jidhrilha li xi wahda jew aktar mit-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jigu milqugha (u dan qed jinghad purament ghall-grazzja tal-argument, billi l-Korp esponenti jidhirlu li dawk it-talbiet ghandhom effettivament jigu michuda fl-interezza taghhom) allura f'dak il-kaz dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali ghandha tkun sufficjenti u m'ghandux ikun il-kaz li l-Qorti tiffissa ebda kumpens jew danni.

44. Illi minghajr pregudizzju, jinghad ukoll illi ebda talba ghal hlas ta' danni m'ghandha tintlaqa' ghaliex ma saret ebda referenza fir-rikors promotorju dwar xi danni morali sofferti mir-rikorrenti u wisq inqas saret talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilta` ghal danni morali u talba ghal kwantifikazzjoni tal-istess.

45. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors kostituzzjonali imressaq mir-rikorrenti Triton

Capital Markets Limited gia FXDD Malta Limited ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.'

Rat illi fil-verbal datat 10 ta' Lulju , 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tar-rikors kostituzzjonali odjern is-socjeta' rikorrenti, wara li l-Korp intimat impona piena amministrattiva fuqu ta' €238,693 ridotta ghal €226,902, apparti appell, ir-rikorrenti ntavolat dan ir-rikors sabiex il-procedura kif mehuda fil-konfront taghha u abbazi tal-artikoli tal-ligi ikkwotati fl-istess rikors, jigu dikjarati lesivi tad-drittijiet fundamentali taghha ghal dak li huwa smiegh xieraq fit-termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-bniedem. Konsegwentement l-istess socjeta' rikorrenti titlob li l-istess proceduri jigu dikjarati nulli u wkoll ordni ghall-hlas ta' danni morali konsegwenti ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali msemmija.

Il-kontro-partijiet jichdu kategorikament dawn l-allegazzjonijiet, iqajjmu eccezzjonijiet preliminari fuq l-intempestivita' tal-proceduri odjerni stante li l-appell bejn il-partijiet ghadu pendenti, jressqu wkoll l-eccezzjoni preliminari tan-non esawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u fil-mertu apparti eccezzjonijiet ohra jsostnu li l-ligi kif dedotta tikkontjeni s-

salvagwardji kollha neccessarji u mihiex leziva ghad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Illi fil-mertu l-Qorti rat l-ittra intitolata 'Compliance Review of Triton Capital Markets Limited datata 7 ta' Dicembru, 2022 a fol. 14 et seq li permezz taghha s-socjeta' rikorrenti giet infurmata li kienet instabet bi ksur tal-ligi u giet imposta fuqha penali msejjha amministrattiva fis-somma globali ta' €226,902 kif ridotta minn dik originali ta' €238,693. Din l-ittra tidher iffrimata minn Elena Tabone – Head of Enforcement ghan-nom tad-Direttur Kenneth Farrugia.

Rat ukoll l-ittri li precedewha a fol. 57 et seq tal-process, dik datata 24 ta' Ottubru, 2019 u l-ittra tas-socjeta' rikorrenti a fol. 71 et seq tal-process indirizzata lill-MFSA datata nhar is-27 ta' Novembru, 2019 meta s-socjeta' rikorrenti kienet ghad ghandha l-isem FXDD Malta Limited.

Rat il-kopja tar-rikors tal-appell tas-socjeta' rikorrenti a fol. 107 et seq tal-process liema rikors gie ntavolat wara l-imposizzjoni tal-multa amministrattiva fuq is-socjeta' rikorrenti u liema appell jinsab sospiz jistenna l-ezistu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali. Rat li fil-kopja tar-rikors tal-appell annessa mal-atti odjerni, ghalkemm gew elenkati fit-tul hames't aggravji u diversi konstatazzjonijiet generali, finalment ma tirrizulta l-ebda talba lil dik l-Onorabbli Qorti, ghalkemm jidher lil din il-Qorti li probabilment fl-atti odjerni hemm xi pagni nieqsa mill-kopja tal-istess appell probabilment dawk li jikkontjenu t-talba tar-rikorrenti quddiem dik il-Qorti. Rat li f'dak ir-rikors tal-appell gie wkoll dikjarat kif isegwi:

'L-Appellanta tirriserva ukoll kull dritt ta' rimedju gudizzjarju disponibbli ghaliha, inkluzi rimedji Kostituzzjonali ghall-ksur tad-dritt taghha ghal-smiegh xieraq minn tribunal imparzjali u

indipendenti kif sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif ukoll mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan l-Appell qieghed fil-fatt jigi intavolat minghajr ebda pregudizzju ghal dan id-dritt Kostituzzjonali;'

Rat il-kopja tar-risposta tal-Korp Intimat fl-atti ta' dak l-appell a fol. 122 et seq tal-process li ghar-ragunijiet kif esposti fl-istess talbet li dik il-Qorti tichad l-appell tas-socjeta' rikorrenti.

Rat l-ittra ufficjali interpellatorja mibghuta lill-intimati datata 4 ta' Settembru, 2023 fejn is-socjeta' rikorrenti allegat ksur ta' drittijiet fundamentali u zammet lill-intimati responsabbli ghad-danni.

Rat in-nota bid-dokumenti tas-socjeta' rikorrenti esebita a fol. 166 et seq tal-process li permezz taghha esebit numru ta' dokumenti fosthom ittra dwar 'Compliance Visit' datata 7 ta' Marzu, 2019 a fol. 169 et seq iffirmata minn Stephen Galea Deputy Head Enforcement Unit li tinforma lir-rikorrenti li ser issir il-'Compliance Visit'.

Rat il-kopja tal-*policy* intitolata 'Prevention of Money Laundering and Funding of Terrorism Policies and Procedures'.

Rat il-kontenut tal-**affidavit ta' Nicola Mallia**, Direttur Ezekuttiv tas-Socjeta' rikorrenti **a fol. 211 et seq** tal-process fejn hija tispjega ghalfejn, skont hi, l-agir tal-Korp intimat fil-konfront tas-Socjeta' rikorrento huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta' rikorrenti u li hi dejjem ghamlet hilitha sabiex is-socjeta' rikorrenti tkun konformi mar-regoli applikabbli.

Semghet u rat ukoll il-kontro-ezami taghha a fol. 584 et seq tal-process. Tispjega kif hija dahlet fil-kariga meta l-kumpanija kienet gia qed timplimenta 'action plan' precedenti dwar 'breaches' li jmorru lura ghas-sena 2014. Meta ssirilha r-referenza ghal dik il-parti tal-affidavit fejn xehdet li dak iz-zmien kienu jigu mposti multi irrizorji jekk mhux mera canfira, tispjega li riedet tfisser li dak iz-zmien kienu jigu mposti multi li:

'they would not prejudice the life of a company'.

B'referenza ghall-estratt mill-'web-site' tal-Korp intimat tikkonferma li dan gie aggornat bil-fatt li sar appell mill-imposizzjoni tal-multa da parti tas-socjeta' rikorrenti.

Semghet u rat **ix-xhieda ta' Elena Tabone, Head Enforcement tal-FUAU a fol. 285 et seq tal-process u l-kontro-ezami taghha a fol. 592 a et seq tal-process** u hadet kont tal-kontenut tal-istess fejn fil-qosor hija tispjega l-procedura adoperata mill-FIAU fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti mill-bidu sal-ahhar u ghalfejn skond hi din il-procedura tiddistingwi bejn il-parti tal-infurzar u dik ta' supervizjoni kif ukoll id-distinzjoni li suppost hemm minn dawn mal-Kumitat li finalment jiddeciedi li kien hemm il-ksur tal-ligi u jimponi l-multi amministrattivi, liema entitajiet lkoll jifformaw parti minn entita wahda shiha cioe l-Korp intimat. Johrog fil-fatt li ma hemm l-ebda limitu ghaz-zmien li l-Korp intimat jiehu sabiex jinvestiga l-kaz fil-konfront tal-parti nteressata filwaqt li meta tinhareg l-ittra li l-kaz ser jitressq quddiem il-Kumitat, il-parti nteressata tinghata terminu ta'tletin jum sabiex tirrispondi u konsegwentement jiltaqa' l-LKumitat li fih hemm ukoll bhala membru l-istess Kap. tal-Infurzar kif ukoll ikun hemm l-ufficcjal li nvestiga l-kaz prezenti izda l-parti interessata ma tinghatax l-opportunita' li tkun prezenti. Waqt tali laqgha tal-kumitat tigi

deciza u mposta' l-multa amministrattiva minghajr ma l-parti nvestigata tkun tista b'xi mod tirribatti tali mposizzjoni, liema multa amminsitrattiva hija mahduma abbazi ta' 'policies' u algoritmi li huma nterni u mhumiex noti ghall-parti nvestigata. Konsegwenti ghal tali mposizzjoni tal-multa amministrattiva isem il-kumpanija jitpogga fuq il-'web-site' tal-Korp intimat sabiex il-pubbliku jkun avzat li tali kumpanija giet misjuba bi ksur tal-ligi u li fuqha giet imposta l-multa u dan nonostante li d-dritt tal-appell tal-istess ikun ghadu pendenti. Tinsisti li l-istess Korp huwa suggett ghal-numru ta' assessjar internazzjonali fosthom il-Moneyal.

Rat u gharblet id-dokumentazzjoni kollha li giet esebita minn din ix-xhud a fol. 219 et seq tal-process.

Rat in-nota tal-Korp intimat li peremzz taghha gew esebiti diversi dokumenti relatati mal-proceduri mehuda fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti a fol. 295 et seq tal-process u hadet kont tal-kontenut tal-istess.

Rat in-nota tal-Korp intimat a fol. 593 et seq tal-process li permezz taghha giet esebita kopja tad-dokument intitolat 'Publication of AML/LFT Administrative Penalties and Measure Policies and Procedures', dokument data bhala 'reivsed on the 3rd June 2021'.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti, rat li sal-mument li dan ir-rikors gie differit ghad-decizjoni u wkoll sal-mument li gew intavolati n-noti ta' sottomissjonijiet, kien hemm gia skorta ta' gurisprudenza ta' diversi Onorevoli Mhallfin fil-livell tal-Prim'Awla fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha, nkluz ta' din il-Qorti, li ghar-ragunijiet kif esposti f'dawk

id-decizjonijiet sabu li l-multi mposti fuq il-partijiet interessati kellhom jitqiesu bhala pieni mhux amministrattivi izda ekwivalenti ghal dawk kriminali b'dana li sabu wkoll li l-process addottat mill-Korp intimat ma kienx jissodisfa l-kriterji tas-smiegh xieraq w'ghalhekk lkoll taw rimedji, ghalkemm mhux identici, lill-partijiet wara li giet dikjarata l-lezjoni tad-drittijiet fundamentali.

Rat li recenti l-Qorti Kostituzzjonalli f'zewg decizjonijiet appellati mill-bosta decizjonijiet suesposti[5] ddecidiet kompletament l-oppost ta' dak li kien qed jigi deciz fl-istadju tal-Prim'Awla, fejn prinicpalment sosntiet:

i. Li s-sanzjonijiet amministrattivi mahruga mill-FIAU mhumiex klassifikati bhala reat skont il-Kodici Kriminali;

ii. Li però ghall-ghanijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta biex wiehed jara jekk multa amministrattiva ghandhiex titqies bhala reat jew le wiehed ma jridx jistrieħ biss fuq il-klassifikazzjoni tal-ligi domestika iżda wiehed jehtieg illi jhaddem il-kriterji stabbiliti mill-QEDB fil-kaz ta' Engel;

iii. Li fil-kaz ta' Engel, il-Qorti Ewropea zviluppat test li għandu jiddetermina x'ghandu jitqies bhala 'akkuza kriminali' ghall-iskopijiet speċifiċi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Essenzjalment dan it-test huwa mibni fuq dawn il-kriterji li gejjin: il-klassifikazzjoni tal-att taht il-liġi domestika; in-natura tal-offiza; u n-natura u l-gravità tal-piena;

[5] Phoenix Payments Ltd. vs. FIAU et, XNT Limited vs FIAU et, Qorti Kostituzzjonali datati 18 ta' Novembru, 2024,

iv. Li s-sanzjonijiet amministrattivi mahruġa mill-FIAU jistghu jkunu severi biżżejjed biex jitqiesu bhala reat skont il-kriterji ta' Engel, anke jekk dawn ma jwasslux ghal piena ta' prigunerija;

v. Li l-gurisprudenza tal-QEDB zviluppat wara Engel fis-sens li wiehed irid jagħmel distinzjoni bejn każijiet li huma '*hard core of criminal law*' u '*cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law*';

vi. Li fil-kazijiet li mhumiex '*hard core of criminal law*', huwa accettat li ghandu jkun hemm certu flessibilità fil-garanziji li generalment huma applikabbli ghall-'*hard core cases of criminal law*'. Hekk perezempju filwaqt li fil-kazijiet meqjusa bhala '*hard core of criminal law*', il-pieni ghandhom ikunu dejjem stabbiliti minn qorti jew tribunal independenti u imparzjali, min-naha l-ohra fil-kazijiet li ma jappartjenux lill-kategoriji tradizzjonali tal-ligi kriminali, ma hemm xejn kuntrarju għall-artikolu 6 tal-Konvenzjoni li l-multi amministrattivi jiġu inflitti fl-ewwel istanza minn korpi amministrattivi mhux gudizzjarji li għandhom imwahhdin flimkien setgħat kemm investigattivi u deċiżjonali;

vii. Li huwa biss jekk ma jezistix dritt ta' appell mid-decizjoni tal-organu amministrattiv li wiehed jista' jitkellem fuq potenzjali ksur tal-jedd ta' smigh xieraq. Bil-kontra, jekk wiehed skont il-ligi ordinarja jkun jista' jattakka d-decizjoni tal-organu amministrattiv quddiem organu gudizzjarju allura ma jkun hemmx problemi mal-jedd ta' smigħ xieraq;

viii. Li ghalhekk ma hemm xejn inkompatibbli mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li l-awtorità amministrativa timponi multi amministrattivi, basta li

dak li jkun ikollu l-fakultà li jikkontesta dik id-decizjoni tal-awtorità amministrativa quddiem qorti;

ix. Li skont l-art. 13A tal-Kap. 373 id-decizjoni tal-FIAU tista' tigi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell fuq punti ta' fatt u ta' ligi. Il-Qorti tal-Appell ghandha l-poter li thassar jew tvarja d-decizjoni tal-Korp. L-istess Qorti ghandha wkoll is-setgha li tistharreg jekk il-piena amministrattiva imposta mill-Korp hijiex sproporzjonata;

x. Li ghalkemm il-procedura tal-appell hi regolata mill-Kap 12, m'hemm xejn x'izomm lill-Qorti tal-Appell milli jekk tara li hu mehtieġ jew utli tawtorizza s-smigh ta' xhieda. Tista' wkoll tippermetti li jigu prezentati dokumenti (Art. 150(1)(b) tal-Kap. 12). L-oneru tal-prova quddiem il-Qorti tal-Appell huwa fuq il-Korp li juri għala d-deċiżjoni tiegħu għandha tibqa', u mhux fuq ir-rikorrenti li juri li ghandha tithassar, biex b'hekk il-proceduri proprjament gudizzjarji jinbdew bil-prezervazzjoni ta' innocenza intatta; u

xi. Li meta hemm apprezzament ta' fatti xi jsir, il-Qorti tal-Appell ghandha taghmel l-ezami indipendenti tal-provi u ma hi marbuta mal-ebda konkluzjoni tal-Korp.

Illi l-Qorti tqis mis-suespost li dan juri li filwaqt li bosta qrati fl-ewwel istanza, abbazi ta' bosta ragunijiet sabu l-ligi u l-procedura in kwistjoni bhala lesiva tad-drittijiet fundamentali tal-parti li fuqha tigi mposta l-piena hekk imsejjha 'amministrattiva', l-Qorti Kostituzzjonali li qed tisma' l-appelli minn dawn id-decizjonijiet qieset l-istess ligi bhala mhux leziva tad-drittijiet fundamentali filwaqt li ghamlet hafna referenza u emfazi ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell fejn issostni li dawn joffru bizzejjed salvagwardji ghad-drittijiet fundamentali ta' dawk il-partijiet li

fuqhom il-Korp ikun impona multi mhux zghar. Fil-fatt ir-rapprezentant tas-socjeta' odjerna tiddeskrivi dawn il-multi bhala li jwaqqfu jew jaghmluha mpossibbli ghal dik l-entita li tkun tista' tiprosegwi bl-attivitajiet taghha.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti, in vista' tad-decizjonijiet kunfliggenti msemmija, li din il-Qorti tqis li flok kjarifikaw is-sitwazzjoni aktar qajjmu dubji f'mohhha, stante li fil-proceduri odjerni jirrizulta li l-proceduri tal-appell bejn il-partijiet gew sospizi appuntu pendenti l-kawza odjerna u stante li fil-fehma tal-Qorti Kostituzzjonali dawk il-proceduri joffru s-salvagwardji neccessarji lir-rikorrenti odjerna, tqis li f'dan l-istadju ghandha tilqa' l-eccezzjoni tal-intimati li l-proceduri odjerni huma allura intempestivi u wkoll li sa issa r-rikorrenti ma ezawrietx ir-rimedji ordinarji taghha. Dan ifisser li din il-Qorti tehtieg li tkun taf l-ezitu kollu tal-proceduri tal-appell qabel tkun tista' tasal ghall-decizjoni finali f'dawn il-proceduri. Ghaldaqstant l-eccezzjonijiet tal-intempestivita' u non esawriment tar-rimedji ordinajri qed jigu milqugha limtiatament fis-sens li f'dan l-istadju l-Qorti tqis li jkun aktar idoneu li l-proceduri quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Inferjuri) jissoktaw u jigu konkluzi u konsegwentement din il-Qorti tkun tista' tghaddi ghad-decizjoni fil-mertu kollu tar-rikors odjern wara li mal-atti odjerni jigu allegati l-atti tal-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Illi fil-mori xejn ma jwaqqaf lil xi parti jew ohra milli, permezz ta' rikors appositu, titlob li ssir referenza lill-Qorti Ewropea sabiex kwalunkwe dubju li nholoq in vista tad-decizjonijiet kunfliggenti jkun jista' jigi eliminat.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti din il-Qorti f'dan l-istadju tilqa' limitatament l-eccezzjoni tal-intempestivita' u non ezawriment tar-rimedji ordinarji u tissospendi l-prolazzjoni tad-decizjoni odjerna ghal wara li l-proceduri tal-appell bejn il-partijiet pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Inferjuri) jigu finalment decizi.

Tiddiferixxi r-rikors ghall-informazzjoni dwar l-andament tal-appell ghal nhar il-11 ta' Marzu, 2025 fid-9.05a.m.

F'dan l-istadju l-ispejjez jithallew ghall-gudizzju finali.

Tordna komunika ta' din id-decizjoni lill-Imhallef Dr. Lawrence Mintoff.

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**05 ta' Dicembru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**05 ta' Dicembru, 2024**